MELITENSIA
14 FEB 1990

# L-IMNARA

25 Sena 1964-1989

GHAQDA TAL-FOLKLOR

UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
MAIN LIBRARY

No. 12 u 13 1989

# L-IMNARA

BULLETTIN TAL-GHAQDA TAL-FOLKLOR

Vol. 3 No. 2 & 3 HARGA No. 12 & 13 DICEMBRU 1989

Harga doppja ghall-okkazjoni tal-25 sena mit-twaqqif tal-Ghaqda tal - Folklor

- WERREJ -

STORJA FIL-QOSOR TA' L-GHAQDA TAL-FOLKLOR Guido Lanfranco 32

RADDIENA TAT-TAJJAR 35

IL-BULETTINI TAL-PRECETT TA' L-GHID J.F.Porsella Flores 36

KULHADD JGHID TIEGHU (L-Ghaqda tal-Folklor fuq Radju Malta) 40

SALVU VELLA, IL-PUWTA: EMIGRANT FOLKLORIST Angelo Dougall 43

TAR-RIZZI 47

IL-QATTUS FIL-FOLKLOR Lorenza Bonnici Cali' 48

KARMENU ZERAFA, KOMIKU TAL-PALK LI MA JINTESIEX Guzi Buontempo 51

WIRJA 1989 55

HADD IL-PALM FILGHODU F'BIRZEBBUGA Angelo Dougall 57

IL-KELB FIL-FOLKLOR Rafel Bonnici Cali' 60

KONKORS FOLKLORISTIKU 63

IX-XOGHOL TAL-PALM Anton F.Attard 64

RITRATTI TA' DARI Ines Ciancio 67

L-ILMA ZAHAR Lawrence Bajada 71

L-GHONNELLA Gordon Camilleri 73

LOGHOB TAT-TFAL TA' DARI Rose-Anne Felice 74

TALBA LIR-REDENTUR Sr. Carmela Deguara 76

TIFKIRIET TA' L-IMGHODDI Ronald Fenech 77

# STORJA FIL-QOSOR TA' L-GHAQDA TAL-FOLKLOR

minn GUIDO LANFRANCO

Twaqqif   Il-Laqgha Generali biex titwaqqaf l-Ghaqda Tal-Folklor saret fl-"Anglo Maltese League" fil-Belt Valletta, fil-21 ta' Dicembru,1964, u gie elett il-kumitat ghall-1965, fejn Dr.Charles Cassar kien president, C.A.Micallef, segretarju, J. Sammut,Tezorier, u membri is-s'ri J.Magri, Jos.Galea, M.Anela, L.Azzopardi u G.Cardona.   Ninu Cremona u Guze' Cassar Pullicino saru Presidenti onorarji.  Minn dak iz-zmien l-Ghaqda kompliet bl-attivitajiet taghha, ghalkemm mhux dejjem fuq bazi regolari.

Sfond   It-twaqqif ta' l-Ghaqda tal-Folklor ma kienx haga necessarjament b'data preciza, ghax ghalkemm twaqqfet ufficjalment kif semmejna fuq, madankollu kienet ilha tinbena minn madwar l-1950 u ghaddiet minn diversi fazijiet.   L-ghanneja tradizzjonali li kienu jippartecipaw lejlet l-Imnarja fil-Buskett, kienu bdew isiru storbjuzi, dizorganizzati, gellidin li wasslu sahansitra li jgharrqu is-serati.   Kienu nies tal-kampanja, bosta drabi neqsin minn manjeri tajba lejn haddiehor.  L-ghana taghhom spiss zviluppaw f'tghajjir personali, bie kliem li kien mahsub biex joffendi jew jaqla' l-glied.

Is-Socjeta' Agrarja, li ghal zmien twil organizzaw il-wirja fil-Buskett, iddecidiet li ghandu jsir xi haga biex dawn in-nies jigu kkontrollati, ghalhekk fl-1952 organizzat l-ewwel kompetizzjoni ta' ghana permezz tal-kumitat apposta maghmul minn Dr.C.Cassar, C.Peralta u Salv.Zammit.   Gie deciz li l-ghana jkunu bbazati fuq temi jew suggetti li jittallghu bix-xorti fuq il-post, biex jigi evitat li jsiru ghana ta' attakk personali bejn l-ghanneja.

Ir-Rediffusion(wara' sar Cable Radio,Radio Malta,) gew mitlubin biex jipprovdu t-tazzi u jirrekordjaw l-ghana. Premjijiet nghtaw ghal diversi kategoriji ta' ghana Malti, li fosthom kienhemm l-Ispirtu Pront, Ghana tal-Fatt, Kitarri, Zaqq, Tamburlin, Ghana Bormliza, ecc..   Il-gurija kienet maghmula minn G.Cassar Pullicino, Dr.Gorg Zammit, Mike Micallef, Joe Sammut, Victor Apap, M'Rose Gatt, u s-surmastrijiet tal-Baned La Vallette u La Stella kienu jissemmghu fuq ir-Rediffusion biex jaghtu l-verdett taghhom.

Wara' s-sugcess ta' din il-kompetizzjoni, G.Cassar Pullicino u Dr.C.Cassar iddecidew li jsejhu laqgha ta' ghanneja

nhar il-Hadd, 13 ta' Novembru 1955 f'Palazzo De La Salle il-Belt Valletta, u hemm iffurmaw l-"Ghaqda Ghanneja Maltin" (ghalkemm fuq it-Times of Malta l-isem bl-ingliz deher bhala "Maltese Folk-Song Society") Dr.C.Cassar kien president, G.Cassar Pullicino vici president, segretarju Capt.P.P.Scicluna, assistent segretarju kien G.Caruana, u membri P.Seychell, G.Cassar, G.Spiteri, P.Gafa', u A.Brincat. Izda din l-ghada kellha ghomor qasir, ghax damet biss xi sena, ghalkemm Dr.Cassar u l-kollaboraturi tieghu komplew jorganizzaw il-kompetizzjoni tal-ghana waqt li l-ghaqda baqghet inattiva ghall-zmien twil, sakemm giet xolta, u kif ghedna fil-bidu ta' din il-kitba, giet iffurmata l-Ghaqda Maltija tal-Folklor(Malta Folklore Society) bil-ghan principali u generali li tinkuraggixxi l-istudju tal-folklor taghna.

<u>L-ewwel snin</u> L-Agrarian Society talbet lill-ghada tal-folklor biex tkompli torganizza l-konkors ta' Ghana fil-Buskett, u danl-ghaqda ghamlitu. Izda flaqgha li saret fl-Anglo Maltese League fit-8 ta' April 1973, gie deciz li dan ma jkomplix aktar, minhabba li l-gvern ifforma l-Kumitat Festi Nazzjonali, u ghalhekk l-Ghaqda tal-Folklor ma baqghetx aktar direttament risponsabbli.

Matul is-snin sittin saru xi tahditiet li nkludew lil Charles Camilleri dwar folk music, Thomas Foster fuq arti popolari, G.Cassar Pullicino dwar il-karnival u Ninu Cremona, John Bezzina dwar il-Gimgha l-Kbira, ecc. L-Ghaqda tal-Folklor ikkooperat ukoll f'attivitajiet u konkorsi tat-Tourist Board, Maltese Guild of Australia, Little Stars of Europe f'SanMarino, Union Press Folk Calendar 1964,1965,ecc.

<u>L-Imnara</u> Ghalkemm ghalissa l-Ghaqda tal-Folklor ma tistghax tistampa l-publikazzjoni taghha ghand l-istampiet minhabba spejjex u problemi ohra, L-Imnara bdiet tohrog sa mill-1978, imwaqqfa u editjata mill-kittieb prezenti. Il-kitbiet li jkun fiha huma l-aktar ta' natura u esperjenzi originali tal-kittieba, jew ricerka apposta. Hemm il-hsieb li l-quddiem tiehu prezentazzjoni mod iehor.

<u>Wirjiet</u> L-ewwel wirja kbira saret fl-1971 fl-intrata tal-Muzew Nazzjonali ta' l-Arkeologija l-Belt Valletta, wirja generali li kienet turi diversi aspetti folkloristici lokali, inkluzi tpingijiet ta' Rafel Bonnici Cali'. Saret ohra dwar l-Ex-Voto fl-1974, u fl-1976 wirja ohra dwar ilbies u kostumi Maltin, kollha fl-istess post. Fl-1983 f'sal go l-istess muzew saret ohra ta' tletin tpingija folkloristici tal-kittieb prezenti, dwar Aspetti ta' Folklor Malti. Fis-sena 1989, eghluq il-25 sena tal Ghaqda tal-Folklor taghna, saret wirja ohra, din id-darba fis-sala tac-centru tal-Frangiskani Konventwali tal-Belt Valletta, dwar "Holoq ma' l-Imghoddi u Medicina Popolari".

<u>Attivitajiet ohrajn</u>     Saru diversi attivitajiet ohrajn biex 1)Ghaqda tal-Folklor iggib il-quddiem l-istudju tal-folklor lokali. Il-membri tal-kumitat ghamlu diversi donazzjonijiet ta' oggetti ta' nteress folkloristiku lill-Muzew tal-Folklor il-Birgu. Saru table-shows u tahditiet kemm ghall-membri taghna kif ukoll lil diversi ghaqdiet li talbuna. Saru diversi wirjiet in assocjazzjoni ma' ghadiet ohrajn, specjalment bhala partecipazzjoni mal-Ghaqda tal-Hobbies tal-Hamrun fejn sezzjonijiet gew irrapprezentati mill-Ghaqda taghna. Fost dawn urejna taqsimiet dwar il-Milied, l-Ghid, ecc, u ghall-ewwel darba f'Malta, taqsima dwar gugarelli antiki. Saru wkoll hargiet u zjajjar f'postijiet ta'nteress. Fuq Radio Malta f'diversi okkazjonijiet l-Ghaqda tal-Folklor iddiskutiet affarijiet folkloristici, l-aktar fl-1988, 1989. Minbarra li l-Ghaqda tal-Folklor ghenet bil-gbir ta' oggetti ghall-Muzew tal-Folklor tal-Birgu, ippartecipat ukoll fl-inawgurazzjoni tieghu billi saru diversi laqghat ma' persuni koncernati f' Dipartimenti tal-Gvern, u wkoll billi fl-1979 harget proposti u suggerimenti kif ghandu jkun muzew bhal dan. Dan il-muzew gie inawgurat fil-palazz ta' l-inkwizitur, fil-Birgu, fil-5 ta' Dicembru,1981 u l-Ministru tal-Kultura giet imdawra mill-president tal-Ghaqda, il-kittieb prezenti. Madankollu, ma nhossux li l-muzew sar skond ir-rikmandazzjonijiet taghna, u ghalhekk l-Ghaqda ghadha ssostni fuq li dan isir ahjar, u ghal dan il-ghan baqghu isiru laqghat mal-Ministru ikkoncernat. L-attivitajiet tal-Ghaqda kollha rregistrati f'hargiet varji ta' l-Imnara.

<u>Referenzi u Bibljografija</u>


Malta Folklore Society; G.Cassar Pullicino,Maltese Folklore Review Vol.1,No.4,1973

The Malta Folklore Society;G.Lanfranco,Times of Malta,13-1-1976

Maltese Folk Song Society; Times of Malta,19-11-1955

Notamenti mehudin minn G.Lanfranco f'intervista ma'Dr.C.Cassar fil-prezenza ta'Angelo Dougall,18-6-1985

Lista ta' oggetti li nghataw donazzjoni mill-Kumitat tal-Ghaqda tal-Folklor,lill-Muzew tal-Folklor;L-Imnara Awwissu 1982, u Awwissu 1983, b'illustrazzjonijiet ta'l-oggetti.

Aspcts of Local Folklore; Mnara,special No.,Sept.1983

L-Ghaqda tal-Folklor fi Programm tar-Radju;L-Imnara,1988

Proposals for the Establishment of the National Folklore Museum L-Imnara, 1979.


----ooOoo----

(ara pagna 46 ghal nota dwar l-istorja tal-Ghaqda)


1989

# IL-BULETTINI TAL-PREĊETT TA' L-GĦID

minn J.F.PORSELLA-FLORES

Id-drawwiet popolari insibuhom anki fl-affarijiet religjuzi, pereezempju fl-uzu ta -bulettini tal-precett ta' l-Ghid. Billi din id-drawwa issa ilha madwar ghoxrin sena li nqatghet, tajjeb li wiehed isemmiha fost it-tifkiriet ta' l-imghoddi.

Bhalma jafu l-qarreja, wiehed mill-hames precetti tal Knisja hu li tqerr u titqarben ghall-anqas darba fis-sena. Il-gurnata taghzilha int, izda fiz-zmien li tistabbilixxi l-Knisja. L-ahjar zmien huwa ta' l-Ghid, wara li wiehed ikun mar jaghmel kors ta' ezercizzi spiritwali!

Allura kienu jirrikorru ghas-sistema tal-bdil tal-bulettin, jigifieri, sinjal li jixhed, li wiehed ikun issodisfa dan il-precett tal-Knisja.

Il-bulettin kien jinghata ahgll-ewwel darba taht forma ta' santa, wara li t-tifel jew tifla jkunu ghamlu l-ewwel tqarbina, imsejha wkoll il-Precett, kif ghadna nghidu u ghadu jsir sallum.

Hekk kif joqrob zmien ir-Randan, il-kappillan kien izur id-djar tal-parruccani tieghu, jigbor il-bulettini tas-sena ta' qabel, u jhalli flokhom ohrajn, wiehed ghall-kull membru tal-familja li ghandu jwettaq dan id-dmir. Imbaghad f'gurnata bejn Hadd il-Passjoni u Hadd it-Trinita', meta wiehed jersaq jitqarben bl-intenzjoni li jwettaq dan id-dmir tieghu, jibdel dan il-bulettin ma' iehor li jghid li wiehed resaq jitqarben.

Il-bulettin li jservi biex wiehed jersaq ghat-tqarbin, fih il-kliem bil-latin: "Signum admissionis Ad Paschale Praeceptum Adimplendum" jew kliem iehor li jixbhu li bil-Malti jfisser: "Sinjal biex wiehed iwettaq il-precett ta' l-Ghir." Malli wiehed jitqarben, jaghti dan il-bulettin lill-abbati li jkun mas-sacerdot li jibdilulu ma' iehor li fih dan il-kliem: "Panem coelestem accepit tempore Paschali", jew kliem iehor jixbhu, li bil-Malti jfisser: "Tqarben fi zmien il-Ghid."

Il-bulettini kienu jkunu ttimbrati wkoll bis-sena, isem il-knisja u isem il-kappillan, jew rettur ta' dik il-knisja. B'dan il-mod, meta s-sena ta' wara il-kappillan kien jerga' jzur id-djar, biex jiehu lura l-bulettini tas-sena

ta' qabel, kien jista' facilment jikkontrolla min issodisfa dan id-dmir jew le.

Il-parruccani kien ikollhom il-facilitajiet kollha biex jibdlu l-bulettin fil-knisja fejn soltu jmorru ghall-quddies. Per ezempju, l-knejjes tal-patrijiet li mhumhiex parrocci, kienu jistampaw il-bulettini taghhom. Anki l-kappillani tat-tliet servizzi kienu jipprovdu bulettini ghannies tas-servizz ta' l-Ajru(R.A.F.), ta' l-art(K.O.M.R. jew R.M.A.) u tal-bahar(Rpyal Navy). Dan ghax kien ikun diffi-cli ghalihom li jmorru jwettqu dmirhom fil-parrocca taghhom. Il-membri tal-korp tal-pulizija ukoll kienu jistghu jaghmlu l-Precett fil-kappella tad-Depot li kellhom fil-Belt, ghax anke dawn, minhabba d-dmirijiet taghhom setghu isibuha difficli li jmorru jitqarbnu f'xi knisja tar-rahal taghhom.

Anke l-morda ta' l-isptarijiet u l-habsin kien jinghata-lhom bulettin mill-kappillan ta' l-isptar jew tal-habs, skond il-kaz. Isimhom kien jinkiteb fuq il-bulettin sabiex meta jmorru lura ddar, imorru bih ghand il-kappillan taghhom.

Min ikun bidel l-indirizz tieghu minn rahal ghall-iehor, kien jaghti lill-kappillan il-bulettin tal-parrocca fejn kien joqghod qabel. Jekk xi hadd ikun tilef il-bulettin, xorta wahda kien jakkwista iehor, ghax il-kappillan kien ikun jaf sewwa l-parruccani tieghu. Min ma jkunx lahaq bidel il-bulettin tieghu fi zmien ghaxar gimghat li semmejna, kien jinhtieglu l-ewwel imur jistqarr dan in-nuqqas tieghu lill-konfessur, li kien umbghad jiehu hsieb li bl-akbar sekretezza jirrangalu biex jibdlu u hekk jigi in regola.

Tista' tghid li kulhadd kien ikun herqan li juri li kien qeda' dmiru mhux ghal-wicc in-nies, izda ghaliex l-insara jipprattikaw it-taghlim tal-Knisja. Dak il-wiehed l-hemm u l-hawn li seta' kien imbieghed mill-Knisja, kien ikun maghruf minn kulhadd; allura kien ikun tort tieghu biss, jekk, meta jmut, jigi michud minn difna f'art imbierka.

Ftit ilu sirt naf minn ghand wiehed patri anzjan, li l-uzu tal-bulettin kienet haga lokali. Ghaldaqstant hi haga aktar f'waqtha li nfakkru, fost id-drwawwiet ta' l-imghoddi, din il-wahda tipitkament maltija.

Paulus Vella

ADIMPLEVIT PRÆCEPTUM

**PASCHALE**

IN NOSOCOMIO INGHIERET

**Anno** 1950 die 2 Aprilis.

Fr. Elias a Villa Lia O.F.M.Cap.

***Capellanus***

---

Carmelo Fuggieri

*ADIMPLEVIT*

*PASCHALE PRAECEPTUM*

*A.D. 1934*

Sac. Gius. Calleja

*Cappellanus.*

Prig. Ci. Corradino

---

✝

PRÆCEPTUM PASCHALE

**In Castris "MELLEHA"**

PRIMÆ COHORTIS

"REGIÆ LEGIONIS MELITENSIS"

MILES ADIMPLEVIT

**A. D. 1941.**

"I/K.O.M.R." EMM. T. BORG D.D.
CAPP. MILIT. "I/R.L.M."

---

**ADIMPLEVIT**

PRÆCEPTUM PASCHALE

VALLETTÆ

**IN SACELLO VIGILUM**

QUI PUBLICÆ SECURITATI PRÆSUNT

ANNO DOM. 1934

Can. P. A. Vella

*Cappellanus.*

---

BULETTINI TAL - PRECETT TA' L-GHID (ara p.36-7)

F'din il-faccata:

Bulettini fuq ix-xellug:

li kienu jintuzaw minn-nies ta' l-Ingieret, u mis-suldati u ohrajn tas-sigurta' pubblika.

Fuq il-lemin, fuq:

Bulettin ta' min kien ikun fil-habs ta' Corradino.

Fil-Pagna 39:

Bulettini ta' qabel, u wara' l-Precett, fil-Birgu u fir-Rahal Gdid

- o O o -

PANEM CŒLESTEM ACCEPIT
TEMP. PASCH
IN S. INS. COLL. MAT. ET. PAR. ECCLESIA
**S. LAURENTII L. M.**
CIVITATIS VICTORIOSÆ
A. D. 1930.
*Can. Josephus M. Farrugia D.D.*
*Archipresbyter.*

SIGNUM ADMISSIONIS
AD PASCH. PRÆCEP. ADIMP.
IN S. INS. COLL. MAT. ET. PAR. ECCLESIA
**S. LAURENTII L. M.**
CIVITATIS VICTORIOSÆ
A. D. 1930.
*Can. Josephus M. Farrugia D.D.*
*Archipresbyter.*

PRÆCEPTUM PASCHALE
IN
ADIM PAROEC: CHRISTI REGIS PAULÆ ~ MELITÆ PLEVIT
Par. A. Agius 1963
~~Mons. Franciscus Xuereb P.E.P. 1962.~~
~~Parochus~~

ADPROBATUR
AD SSMAM EUCHAR. SUMENDAM
IN SANCTA PARŒCIALI ECCLESIA
PAGI PAULÆ
A. D. 1955
Par. A. Agius
1963
~~Sac. Franciscus Xuereb~~
~~Parochus~~

MODERN PRESS, ZEJTUN




Karmenu Zerafa: attur
komiku tal-palk.(ara Pag.51)

# KULHADD JGHID TIEGHU

Matul l-1989 il-Kumitat tal-Ghaqda tal-Folklor organizzaw zewg programmi fuq Radio Malta, fis-serje "Kulhadd Jghid Tieghu" producer Mrs.Carmen Caccopardo Mariani Fl-1988 kien ga sar iehor li gie rrappurtat fl-Imnara No.11; fl-1989 sar programm li gie rrekordjat fis-16 t'Awwissu, u iehor irrekordjat fit-22 ta' Novembru. FDan ta' l-ahhar, hadu sehem il-President tal-Ghaqda G.Lanfranco, u is-Segretarju A.Fenech, fejn iddiskutew il-wirja li kienet ghadha kemm saret, l-iskopijiet taghha, u l-kontenut. Fil-programm ta' Awwissu hadu sehem is-Sin'i Guido Lanfranco, Alfred Fenech, Guzi Buontempo, Maria Pisani u Angelo Dougall. Is-Sur Paul Portelli ma hax sehem ghax kienindispost, izda l-parti tieghu inqrat minn G.Lanfranco. Hawn se ngibu n-notamenti ta' l-iskript tal-partecipanti;Is-Sur Alfred Fenech ikko-ordina l-programm.

Guzi M.Buontempo Forsi ghax jien mill-Isla, il-folklor sar bicca minni, ghax l-Isla dejjem fil-'front line' ta' l-istorja; halli nsemmi xi tifkiriet ta' nteress folkloristiku; dari, kull dahla ta' bieb ta' barra kien ikollha grada ta' l-injam; din kienet biex ma jidholx xi kelb gewwa, u biex ma johorgux it-tfal zghar barra. Kienet moda li kif tidhol fl-intrata kien ikunhemm kwadri ta' l-opra, bhal Carmen,Rigoletto,Othello, jew spanjoli bhal Flammenco dance, arena bit-toru, ecc. L-art tad-dar kienet tkun kollha tal-franka, fuq u isfel, u kellha tinhesel sewwa bil-broxk. Fis-salotti kienet moda hafna l-mejda tonda tan-nofs, fuq sieq wahda, kollha skultura fina, li kultant ghadek tara xi wahda minnhom. Kwazi kulhadd kellu gramofon minn dawk tat-tromba kbira, fejn kont tpoggi id-diska u taghti il-habel biex iddur u ddoqq; illum naf min ghandu xi erbgha jew hamsa bhala kollezzjoni. Fil-kamra tas-sodda kont issib il-kurtinaggi fuq ras is-sodda, li kien ikun veru kapolavur ta' purtieri fini mdawrin maghha. Fl-istess kamra, fuq il-kredenza, kien ikunhemm arlogg forma ta' kampnar bil-pendlu, u ma' genbu xi zewg statwi tal-qaddisin tal-gibs go bozza. Fil-kcina kien ikunhemm il-kenur jaqbad bil-faham, u mrewha biex ma thallihx jintefa'. U min ma kellux mithna tal-kafe'? Meta kont zghir u haqqni kastig, kienu jgeghluni nithan il-kafe'. Hemm ukoll folklor li kien assocjat mal-knisja; Il-Pater Noster kien idoqq fl-4 ta' folghodu; issa,milli jidher, ma jdoqq zejn. Fil-festi titulari, l-faccata tal-knisja kienet tizzejjen bit-tazzi kkuluriti, taz-zejt, mhux bozoz ta' l-elettriku; filghaxija kien jiddendel ragel ma' habel marbut mieghu, u kien ikollu fidu landa biz-zernuna mixghula, u bil-pacenzja kollha kien jixghel it-tazzi kollha. F'San Filippu ta' l-Isla, fejn trabbejt jien, kien ikunhemm il-quddiesa tal-hamsa ta' filghodu, fid-dlamm u

kienu jixghelu bozza wahda ghall-knisja kollha; xi xjuh li kienu jafu jaqraw, bi preparazzjoni ghal-qabel it-tqarbin, u ghar-ringrazzjament ta' wara t-tqarbin, kienu jwahhlu xemgha ma' dahar is-siggu ta' quddiemhom, u jixgheluha biex jistghu jaqraw. Il-mejtin issa m'ghadhomx iguorruhom bil-parilja, bil-karru tal-mejtin; daz-zmien stil modern bil-karrozza, u igri....

Maria Pisani Xi tfisser il-kelma folklor; billi din il-kelma hija f'halq kulhadd, nixtieq nghid, li disgrazzjatament, aktarx iva nkella le, hija uzata hazin, ghax erba' cempiliet fuq kitarra, xi erba' qabziet b'maktur ma' rashom u fardal, isejhulhom folklor, izda fil-fatt dawn m'huma folklor xejn. Dawn jistghu jissejhu 'folk music','folk song' jew 'folk dressjew costume', ghalhekk huwa xieraq li hawn wiehed jispjega xi tfisser din il-kelma li ffurmat parti mill-isem ta' l-Ghaqda taghna, li ghandha l-ghan li thajjar lil-min jistudja l-folkor ta' gensna. Din hija kelma ngliza li issa qed tigi uzata internazzjonalment, maghmula minn zewg kelmiet;'folk' li tfisser gens, u 'lore' li tfisser gherf. Illum, din il-kelma tinkludi fiha it-twemmin, drawwiet, hrejjef, leggendi, qwiel f'halq il-poplu, li nistghu insejhulhom gherf missirijietna li mill-qedem ghaddew minn halq ghall-iehor sakemm waslu ghandna. Kieku ma kienx ghall-folklor u l-istudjuzi tieghu, kieku kif konna nsiru nafu dwar l-uzi ta' certi oggetti ta' l-imghoddi, dwar kif ukoll kienu jilbsu, u x'jaghmlu fl-eghrusija, tieg, twelid, mewt u cirkostanzi ohra tal-hajja? Ghalhekk l-Ghaqda tal-Folklor, f'dawn il-hamsa u ghoxrin sena mit-twaqqif taghha, habirket u ghadha thabrek biex tnissel interess serju fil-folklor ta' pajjizna, u thajjar il-kollezzjonisti biex jippreservaw oggetti li m'ghadhomx jintuzaw aktar, ghax huma sewwasew dawn l-oggetti li jitfghu dawl fuq id-drawwiet ta ' l-imghoddi.

Paul Portelli L-aktar haga li tqanqal fija nostalgija, hija l-hajja ta' tfuliti. Niftakar okkazjonijiet bhal tieg, gherusija, mewt jew maghmudija, meta kulhadd kien jiltaqa' ghand xi wahda miz-zijiet, nanniet jew kugini, kollhom dehebijiet qishom armatura, libsin ghall-okkazjoni li huma jsejhu ta' l-ahhar moda, imma ghalina t-tfal jidhru strambi. Kienu jibdew jirrakkontaw grajjeit u esperjenzi li jkunu graw mill-ahhar darba li jkunu ltaqghu l-hawn; Zija tghid kemm qed toghla l-hajja(xi differenza ta' 5mils), z-ziju jghid kemm damu ma hallsu l-kera l-inkwilini, jew li jriduh jizboghlhom xi kamra; zija ohra tghid xi jhobb jiekol ir-ragel, u ohra tghid li kemm kemm idduq, ghax hekk ornalha t-tabib(izda tiekol minn kollox u ma thallix wahda). Zija ohra tghid li m'hix se ddum, izda titlaq wara' kulhadd... Ahna t-tfal konna nilghabu bil-knisja, ghaz kwazi kull tifel kellu wahda. Konna taparsi nghammdu lill-

povru qattus, ingezwruh go purtiera, nehduh hdejn il-knisja tal-loghob, u nhalli ghall-immaginazzjoni taghkom x'kienet tkun ir-reazzjoni tieghu meta jhozz l-ilma. Konna wkoll nghaddu z-zmien nilghabu tal-mama' u l-papa', minbarra li konna nkissru l-gewz bil-bibien... Kont inhobb is-sajf, ghax konna nmorru l-banjijiet il-Fossa, jew San Giljan villeggatura. Nhar ta' Hadd filghaxija konna nmorru xi tejatrin, u tghidx kemm konna nidhqu f'xi farsa. Biex wiehed izomm oggetti friski fis-sajf, kellna l-kaxxa tas-silg; il-blokka tas-silg kienu jaghmlulha l-melh u jgezwruha fi xkora, biex iddum aktar ma ddub. Kont, u ghadni, nhobb ir-ruggata tal-lewz; ta' dak iz-zmien kienet tkun aktar bnina, maghmula minn ingredjenti genwini, mhux kulur u essenza... L-aktar festa li kont inhobb kienet il-festa tal-Milied(u ghadni). Xi minn daqqiet konna nmorru l-quddiesa ta' nofs il-lejl, nistennew il-priedka tat-tifel; lejlietu kienet bhal daz-zmien, issir il-processjoni bil-Bambin, mat toroq tal-Belt, mis-Socjeta' tal-Muzew ikantaw. Ghall-Milied, ommi kienet tipprepara l-mejda specjali, bil-hasi mimli, li dari kien aktar popolari mid-dundjan ta' llum. Ghalina kienet ukoll tlesti xi luminata b'xi qatrejn inbid. Fil-genb tal-kamra kien ikun hemm mejda ohra bis-suflejiet li kont inhobb hafna, iddekorati, kif ukoll pudina, kejkijiet u fliexken tax-xorb. Wara l-ikla, min kien jinxtehed fuq sufan jew pultruna, jew jimtedd ftit. Ghall-hamsa jew is-sitta, ghalkemm konna nkunu ghadna mimlijin, nergghu ghat-te', li kien jinkludi l-imbuljuta bil-qastan, maghmula minn blokki tal-kawkaw. Pudina, kejkijiet, kremi u pastini ma kienhux jonqsu. Dak iz-zmien, il-gugarelli u l-presents kienu jtuhomna fl-Istrina, minflok fil-Milied.

Angelo Dougall F'dinit-taqsima ma nqarax skript, izda id-diskussjoni tieghu kienet dwar l-emigranti Maltin li bil-ghemilhom qed izommu haj il-folklor Malti fil-Kanada, Awstralja, u artijiet ohrajn fejn hemm komunitajiet kbar ta' emigranti. Hawn issemmew ghaqdiet etnici, radju etniku, u attivitajiet ohrajn li flimkien jigbru lill-Maltin bit-tradizzjonijiet taghhom; Il-Maltin ghadhom jattendu u jipprattikaw serati ta' Ghana Malti, festi tradizzjonali bhal S.Pawl, processjonijiet bil-vari titulari li gew ordnati minn Malta, bhala kopji ta' dawk eziste nti f' diversi rhula Maltin u Ghawdxin.

---oOo---

# SALVU VELLA, IL-PUWTA:

## EMIGRANT FOLKLORIST

minn ANGELO DOUGALL

Fl'artikolu li jien kont ktibt fil-harga ta' din ir-rivista tas-Socjeta' tal-Folklor, L-IMNARA ta' Sentejn ilu, kont semmejt dwar xi aspetti tal-folklor Malti fost l-emigranti Maltin li hemm fil-Belt ta' Detroit, f'Michigan, fl-Amerka. Kont semmejt fuq kollox il-Klabb tan-"Namru Station", klabb ta' ghannejja u dilettanti tal-ghana Malti f'dik il-belt Amerikana, li ghadu sejjer fl-attivitajiet tieghu. F'dan l-artikolu, madankollu irrid insemmi b'mod specjali lil wiehed minn fost dawn id-dilettanti, lil-SALVU VELLA, Il-Puwta, kitarrist folkloristiku li b'niket ulifnieh hesrem fid-19 ta' Lulju 1986. Il-mewt tieghu grat waqt zjara li kien qieghed jaghmel f'rahal twelidu, Sannat, Ghawdex, ftit granet biss li kien wasal wasal ghall-vaganza, u l-katavru tieghu intbghat lura Detroit fejn sarlu l-funeral; kellu biss 60 sena. Imma l-mewta ta' dan il-habib tieghi, sirt naf biha xi gimgha wara. Salvu hallielna memorji sbieh tieghu bhala kitarrist prim ta' l-Ghana Malti u ta' dan il-qasam tal-folklor, l-aktar fost id-dilettanti li hemm fost l-emigranti maltin ta' l-Amerka ta' Fuq.

Salvu twieled f'Sannat fis-6 ta' Gunju,1926, fejn ghex, trabba, kiber u zzewweg lil Marija, Ghawdxija wkoll. Kellu erba' t-itfal, lil bintu Rose u tliet subien,Joe, Frank, u z-zghir Tony, li twieldu l-Amerka, fejn Salvu kien emigra ma' martu fis-sittinijiet; nies twajba li rabbew familja fis-sewwa u fl-akbar ghozza. Marji, mart Salvu, kienet taqsam mieghu l-imhabba lejn l-ghana Malti, u hafna drabi kienet bhal dell ta' zewgha kull fejn imur. Flimkien ma' wliedu Rose, Frank u Joe, Salvu kien ifforma grupp bejniethom ta' daqqaqa; hu bhala prim kitarrist, u t-tliet uliedu jakkumpanjawh fuq il-kitarra bid-daqq ta' l-ghana Malti; u dan il-grupp kien tassew tajjeb. Izda kullmin kien jisma lil-Salvu, ma kien idum ma jintebah li Salvu kien kitarrist gwapp fl-interpretazzjoni tad-daqq tal-muzikatal-ghanja Maltija. Kien idoqq b'majestrija u b'imhabba kbira fid-daqq folkloristiku taghna. Mhux facli li wiehed jiltaqgha ma' daqqaq tal-kalibru ta' Salvu l-Puwta.

Minn mindu ltqajt, u sirt naf tajjeb lil-Salvu fl-1968 gewwa Detroit, kont ta' sikwit niltaqa' mieghu u l-familja tieghu ghand Karmnu Xuereb, in-Namru, u hemm, fost id-dilettanti ta' l-ghana Malti, uliedu kienu jakkumpanjawh fid-daqq tal-kitarra. Lil-uliedu kont issibhom mieghu kulfejn kien ikun, u kulfejn kien imur idoqq, f'xi djar privati fejn kienu jingabru l-ghanneja u d-dilettanti ta' l-ghana, kemm f'Detroit u fi

bliet ohra, kemm fl-Amerka kif ukoll fil-Kanada, u fi klabbijiet ohra etnici Maltin fl-ibliet ta' l-Amerka, f'Detroit, fi New York u f'San Francisco.

L-aktar fis-snin sebghin daqq mat-tijm tieghu f'serati ta' l-Ghana Maltimal-klabb ta' l-ghana ta' Detroit, in-NAMRU STATION, fi swali mimlijin nies f'serati ta' ghana meta kien semma' kemm il-darba f'solo il-prejjem sbih, kif kien jaf tajjeb bil-majjestrija tieghu kollha. Salvu kien mistieden kemm il-darba biex imur l-Awstralja halli jiehu sehem f'serati ta' ghana Malti f'dak il-kontinent, imma mhabba impenji tal-familja, qatt, sa fejn naf jien, ma kienmar hemm, ghalkemm il-prejjem tieghu u id-daqq fuq il-kitarra, id-dilettanti ta' l-Awstralja semghuhom fuq recordings.

Lil-uliedu kien rawwimhom tajjeb minn ckunithom fid-daqq tal-kitarra, u f'imhabba lejn din il-fergha tal-folklor Malti, u ghalkemm imweldin Amerikani, kienu jitkellmu bil-Malti u mixhutin ghad-daqq tal-muzika tradizzjonali u folkloristika Maltija.

Salvu kien maghruf sewwa kemm f'Ghawdex u kemm f'Malta fost id-dilettanti ta' l-Ghana u bhala kitarrist tajjeb; kull fejn kien imur idoqq, id-daqqaqa kienu jtugh id-dritta, u jhallu lilu jriegi, bhala l-prim kitarrist li kien, u ghall-hila li kellu ghad-daqq tal-kitarra. Kemm il-darba kien jinstama' fuq ir-radju etniku W.M.Z.K. ta' Detroit, u fuq ir-radju etniku ta' Toronto fil-programmi ghall-Maltin. Gie ukoll li b'zigarelli (tape recordings) instama' kemm il-darba fuq Xandir Malta, u fil-programmi tar-radjo tal-Malti fl-Awstralja. Niftakar ftit snin ilu meta kien ghall-vaganzi f'dawn il-gzejjer, u qatta' man-Namru, ljieli jdoqq l-ghana Malti u l-prejjem, fl-irhula f'Ghawdex fiz-Zebbug, il-Qala u rhula ohrajn ghad-difa ta' l-iljieli. Daqq ukoll f'hafna festivalijiet ta' l-ghana organizzati mill-Maltin ta' l-Amerka ta' Fuq, l-aktar fis-snin sebghin, fi swali mimlijin nies ghall-ghana Malti, f'Toronto fil-Kanada, kif ukoll f'Windsor, u wisq drabi f'Detroit fil-klabbijiet tal-Maltin.

Id-dilettanti tan-Namru Station ta' Detroit kienu tassew ixxurtjati li kellhom prim kitarrist tal-kalibru ta' Salvu Vella, li ghalih, nghid, li ftit ghadhom dehru bhalu minn mindu fis-snin tletin kellna fostna lil-Guzeppi Prato tar-Rabat ta' l-Imdina. Salvu kien dhuli u cajtier, u ma kienx jsibha wisq difficli li f'xi sitwazzjoni diffikultuza fost l-ghanneja, sabiex jirranga kollox bil-kwiet, u bil-kalma tieghu; kien jaf imur tajjeb ma' kulhadd bla ma jifxilha ma' hadd.

ID-DAQQ TAL-PREJJEM

Id-daqq tal-prejjem jitlob arti, hila u majestrijja mill-akbar, u hawn li l-Salvu l-Puwta konna narawh fl-Aqwa tieghu, u konna ngawdu l-hila u l-kontroll fid-daqq tal-kordi tal-kitarra.

F'din ix-xorta ta' muzika folkloristika Maltija, li lil-Salvu konna nitghaxxqu bl-arti tieghu, u li biha kien isahhar lil-kull min kien jisimghu. Meta ghall-bidu tas-snin sebghin jien ghal xi ftit taz-zmien kont kultant nipprezenta x-xandir tal-programm Malti minn fuq ir-Radju W.M.Z.K. ta' Detroit, kont, f'kull xandira nsemma' xi bicca muzika tal-prejjem ta' Salvu l-Puwta, u mhux darba jew tnejn li xi nies Amerikani u ohrajn ta' nisel etniku li id-delizzju taghhom kien li jisimghu il-programmi etnici, jew xi whud mizzewgin Maltin, kienu jistaqsuni fuq din ix-xorta ta' muzika Maltija, ghaliex kienet tinghogob tassew, u kienu jistaqsuni jekk kienx possibbli li jixtru jew minn fejn jistghu jakkwistaw xi diski b'din il-muzika helwa. Hu tassew hasra li Salvu qatt ma thajjar jew twebbel li johrog xi diska bid-daqq tieghu tal-prejjem. Il-melodija tal-prejjem folkloristika taghna fuq il-kitarra, tassew tintoghgob minn-nies ta' kull gens, u ghandna ninkuragguha.

Qatt ma rnexxieli nsib okkazjoni nistaqsi lil-Salvu kif kien dahal ghal din in-namra tad-daqq tal-kitarra, u min kien ghallimhielu. Mid-dehra kien fl-istess rahal twelidu li din il-hajra, u biex nghidu hekk vokazzjoni, kienet gietu. Imma wiehed Ghawdxi li jaf sewwa l-isfond tal-hajja fir-rahal ta' Sannat, rahal twelid Salvu l-Puwta, kif kien tarrafli li qiesha hemm xi vina f'dan ir-rahalGhawdxi li tigri fiha, u fid-demm ta' wild dan ir-rahal, tradizzjoni qawwija. F'dan ir-rahal hemm hafna li jhobbu u jghozzu dan il-wirt; tabilhaqq li l-muza takkem f'dan ir-rahal, kemm fl-ghana u d-daqq tal-kitarra, kemm ukoll. fil-muzka tal-folklor ta' pajjizna. Ma nahsibx li ghal Salvu, il-kelma 'folklor' kienet xi kelma li biha ghandu jhabbel rasu fuqha, jew li kien jaf tajjeb it-tifsira taghha, imma ghal min kien imqar ilissen l-icken kelma kontra l-ghana, malajr kien ikun pront u jwiegeb li l-ghana taghna huwa verament il-wirt nazzjonali taghna, u li tabilhaqq nistghu nghidu li ghandna nipprezentawh bla misthija bhalma nies etnici ohrajn jipprezentaw bla misthija il-muzika nazzjonali taghhom quddiem il-barranin u quddiem nies ta' nazzjonalitajiet ohra, id-daqq, kant, u ghana nazzjonali taghhom.

Salvu kien tassew ihobb u jghozz u kien dedikat lejn dan il-qasam tal-folklor taghna, u ghamel hafna f'hajtu sabiex l-istandard ta' l-ghana Malti u d-daqq tal-kitarra ikun tajjeb u gholi. Ma kienx jittollera daqq u ghana ta' kafkaf, u kien harreg hafna Maltin u Ghawdxin f'Detroit fid-daqq tal-kitarra. L-anqas kien jonqos li jaghti pariri siewja lil dawk il-kitarristi li kienu xi drabi jdoqqu mieghu, jew kien jinzerta jkun jismaghhom idoqqu. Il-kitarra kienet, ghal-Salvu, id-delizzju ewlieni tieghu, u kien mitfugh b'ruhu u b'gismu b'imhabba kbira lejn il-muzika folkloritika taghna; bih tlifna daqqaq mill-aqwa u ma jkunx hekk malajr li postu jittiehed minn xi hadd tal-kalibru tieghu.

B'din il-kitba irrid ngghti tislima u nuri l-apprezzament lil Salvu Vella l-Puwta bhala daqqaq tal-muzika tal-ghana Malti, li ddedika ruhu ghall-muzika folkloristika ta' pajjizna, u li f'pajjizi barranin ipprezenta din il-muzika b'livell gholi u bla misthija, quddiem nies ta' pajjizi ohra. Salvu ha mieghu, f'qalbu bhala emigrant bicca minn ruh pajjizu, habbha, ghozzha, rawwimha u ta, b'gost u b'nostalgija, lil hafna emigranti ohra bhalu.

---

Nota dwar l-Istorja tal-Ghaqda: Jekk hemm xi hadd li ghandu xi informazzjoni ohra dwar il-bidu tal-Ghaqda tal-Folklor, jew xi ismijiet ohra ta' persuni ohra li na ssemmewx u li kellhom sehem konkret fit-twaqqif tal-Ghaqda, ghandhom jiktbu lill-editur, 78, St. Trophimus Street, Sliema. Komunikazzjonijiet bhal dawn jigu accettati biss bil-kitba, ghax din tkun ser tintuza bhala referenza jekk f'ha rga ohra ta' l-Imnara issir xi zieda fuq il-kitba li tidher fil-pagni 32-34. Jekk hemm xi nuqqasijiet jew inezattezzi, dawn huma dovuti ghal informazzjoni moghtija minn persuni ohra; l-awtur jista' juza biss jew esperjenzi personali tieghu, iddokumentati, jew publikazzjonijiet bhala referenza.

---

Nota editorjali: Il-kontenut ta' dan il-bullettin huwa 'copyright' u xejn ma jista' jigi riprodott minnu minghajr il-kunsens bil-miktub ta' l-editur u l-awtur koncernat. L-Imnara, li tohrog medja ta' darba fis-sena, kif ukoll l-editur, huma ufficjalment registrati ghand il-Press Registrar, Kastilja. L-opinjonijiet espressi f'dan il-bullettin m'humiex bilfors dawk ta' l-Editur jew ta' l-Ghaqda tal-Folklor, jekk ma jkunx specifikat li hu hekk. L-abbonament jew shubija fl-Imnara u fl-Ghaqda tal-Folklor huwa ta' £m1 fis sena, li jistghu jintbaghtu lill-Editur, is-Sur Guido Lanfranco, c/o 78, St. Trophimus Street, Sliema, jew lis-segretarju, s-Sur Alfred Fenech, "Grezz", Triq id-Dirsa, Attard. Din tista' tintbaghat ukoll f'bolli tal-4c jew tat-3c, lill-Editur.

Kitbiet ghall pubblikazzjoni fl-Imnara Ghandhom ikunu Originali, u preferibbilment esperjanzi ta' l-awtur stess, jew ibbazati fuq intervisti ma' persuni anzjani, jew rizultat ta' ricerka ta' ghamla ohra. Il-kitbiet ghandhom ikunu dwar Folklor Malti.

---



# IL-QATTUS FIL-FOLKLOR

minn LORENZA BONNICI CALI

Il-qattus huwa wiehed mill-annimali li l-poplu jhobb irabbi fid-dar ghas-servizz siewi li jaghti fil-qerda tal-grieden li jaghmlu hsarat kbar kull fejn jersqu. Izda hawn nies li jhobbu l-qattus ghax ihobbu l-kumpanija tieghu u jhobbu jmellsuh, allavolja dan l-annimal ghadu nofsu salvagg u spiss jiddejjaq mit-tmellis, u jdur biex jigref lil-sidu!

Barra dan, ma jaghtix gost b-lehnu, ghax ma jafx hlief inewwah u jghajjat il-karba 'mjaw-mjaw' u jisraq xi bicca laham jew xi huta minn fuq il-mejda, filwaqt li ghandu d-drawwa li jhammeg kull rokna tad-dar nadifa meta jista' jsib post ahjar ghall-opra naturali tieghu!

Il-qattus huwa wkoll nieqes mill-intelligenza, u ftit jitghallem, ukoll bit-tahbit kbir li jiehu bih sidu; ghalhekk rari hafna narawh fost l-annimali tac-cirku. B'dan kollu in-nisa u t-tfal ihobbu l-qattus aktar milli jhobbuh l-irgiel, izda l-qattus bzonnjuz fid-djar u l-irziezet, fejn il-grieden is-soltu jaghmlu hsarat f'kull haga li jsibu, ghalhekk saru jinhamlu minn kulhadd. Il-grieden jeqirdu drappijiet, ghamara, ghasafar, bejtiet, ecc...; jeqirdu wkoll zrierah, u ikel iehor, l-aktar qamh, u hadd ma jsib tarfhom bin-nases u l-veleni, izda l-qattus biss isib tarfhom, ghax huwa biss l-ghadu naturali taghhom.

Fuq daqshekk, ukoll, il-qattus ghandu l-privilegg li li bil-lejl idur fil-knejjes bil-liberta' kollha, kif ukoll binhar, biex ma jhallix issir dik il-hsara kollha fi drappijiet prezzjuzi, twapet u ghamara ohra fil-knisja. Ghaldaqstant fil-bibien tal-knejjes ghadna naraw il-famuza TOQBA TAL QATTUS tonda, ta' xi erba' pulzieri djametru, li minnha l-qattus jista' jidhol minn post ghall-iehor biex jikkaccja l-grieden.

Il-qattus tajjeb, li aktarx jissejjah sajjied, ikun dejjem attent ghall-inqas hoss jew caqlieqa biex jaqbad xi gurdien, wirdiena jew xi annimal iehor. Hawn qtates ukoll hallelin li jahtfu xi ghasfur, hamiema jew tigiega, ghax ihobb il-laham, u ghalhekk il-bniedem holoq il-gallinari u l-gageg kontra klieb u qtates.

Il-qattus dahal sewwa fil-hajja tal-folklor taghna, sa fil-proverbji u xebh tal-kliem, bhal: "Qattusa ghaggelija taghmel l-uliedha ghomja" kontra dawk li jaghmlu kollox bil-ghagla ghalhekk xejn tajjeb. "Il-qattus jigri wara' l-gurdien" ghal-pulizija li jigri wara l-halliel; "Klieb u qtates" ghal dawk

li dejjem jiggieldu; "Qattus fix-xemx" ghal min hu ghazzien u dejjem jilghaq ix-xemx; "Qattus sajjied" ghal min hu dejjem attent fid-dover tieghu. Isem il-qattus ukoll dahal fi kliem ta' tmaqdir, bhal "Qattus missierek!" flok kliem ikrah iehor. Dahal ukoll fis-superstizzjoni, bhal "Qattus iswed sinjal ta' risq", u meta wiehed johlom bil-qtates jghidu li jigieh tahbit kbir.

Hemm qtates ta' kull lewn: bojod, suwed, hamranin, safranin, grizi u lwien imhallta ta' tbajja li jaghmluhom aktar interessanti. Fost dawn inisbu qattusa bajda bi tbajja sofor l-ilwien tal-bandiera tal-papa! Dawn ghal xi raguni jew ohra, jissejhu tal-Madonna. Gie li jistaqsuk "veru, jew le li l-Madonna kellha qattusa?" F'bosta tpingijiet tal-Madonn insibu l-qattusa bil-qattusa, xi drabi, bajda u safra... Fost dawn rajna pittura tal-Lunzjata ta' Lorenzo Lotto(seklu sittax) fejn il-qattusa tidher imbezza mid-dehra ta' l-anglu habbari. U kwadru iehor ta' Federico Correggio(1535-1612)National Gallery f'Londra bil-qattus tal-Madonna.

Nghid ghalija, minn dawn kollha l-aktar li joghgbuni huma dawk li ghandhom hafna rigi qishom dahar ta' behbuxu, u ghalhekk jissejhu QTATES BEBBUXIN.

Hawn irrid nerga' nsemmi kemm kienet ta' htiega it-toqba tal-qattus fil-bibien tal-knejjes u d-djar. Wahda minn dawn it-toqob ghadha tinsab fil-kuridur tac-cimiterju fil-genb ta' San Gwann tal-Belt, u ohra wkoll fil-bieb tal-kcina tad-dar taghna f'Hal Tarxien.

In-nuqqas ta' toqba f'dar sabiha fid-dahla tac-Cittadella t'Ghawdex, kienet kagun ta' delitt ahrax fis-seklu tmintax. F'dik id-dar kien jghix il-Kanonku Dun Gwann Camilleri li kellu seftura li kienet thobb wisk lill-qattusa taghha. Ta kull filghaxija, il-qattusa kienet tibda tinghi biex tohrog tigri ftit barra t-triq. Is-seftura kienet tifthilha l-bieb tad-dar, u tistenniha. Meta l-qattusa kienet terga lura kienet tibda tigref mal-bieb, is-seftura tifthilha. Darba, ragel brikkun induna x'kien qed isir, u qaghad ghassa sakemm il-qattusa harget barra. Wara ftit hin, mar jigref mal-bieb bhal ma ghamlet il-qattusa, u malli s-seftura fethet, din sabet lill-halliel minflok il-qattusa, li qatel lilha u lill-qassis biex seraq kullma sab; kien delitt li kexkex lil-kulhadd, ghax il-qassis kien bniedem mahbub ghall-karita' mall-foqra. Kien ghen hafna biex inbena l-isptar ta' l-irgiel barra s-swar fir-Rabat t'Ghawdex. In-nies ghadhom isemmu li dan id-delitt kien sar ghax fil-bieb tad-dar ma kienx hemm it-toqba tal-qattus biex jista' jidhol fi xhin irid u jidhol x'hin joghgbu. Din id-dar, illum, fiha l-muzew ta' l-antikitajiet sewwa sew kif tidhol fic-cittadella.

Din l-istorja smajtha minn ghand qassis xih Ghawdxi, u minn Ghawdxin ohra xjuh li semghuha min ohrajn tal-familja taghhom, ghax dari in-nies kienu mdorrijin jirrakkontaw il-grajjiet ta' missirijiethom. Ma sibthiex miktuba mkien, din l-istorja, u ghalhekk hi ta' nteress mhux biss ghall-folklor lokali, izda wkoll bhala bicca mill-grajja tal-kriminalita, li, bhal artijiet ohrajn, dejjem kellna fil-gzejjer tafhna.



Disinn tat-toqba tal-qattus fil-bieb tal-kcina tad-dar taghna, li jaghti ghall-bitha biex il-qattus jista' jidhol u johrog fi x'hin irid ghall-kacca tal-grieden.

# KARMENU ZERAFA

KOMIKU TAL-PALK LI MA JINTESIEX

minn GUZI BUONTEMPO

Qabel il-migja tat-televizjoni, il-palk Malti kien wiehed mill-passatempi l-aktar popolari fostna l-Maltin, l-aktar fl-ibliet u l-irhula l-kbar. Ghalhekk il-palk kien ikkoltivat hafna f'pajjizna, l-aktar bis-sahha tac-cirklijiet u kumpanijiet taz-zaghzagh. Fl-imghoddi kellna kumpaniji tad-dilettanti tal-palk li ghadhom jissemmew sallum, bhal dik ta' l-"Indipendenza" ta' Mikelang borg. F'pajjizi l-Isla, kienhemm il-kumpanija "La Sengle". Dawn il-kumpaniji kellhom hafna dilettanti mharrga tajjeb fl-arti tal-palk. X'uhud minnhom ghadhom jissemmew sallum. Fost id-deilettanti ta' l-Isla kien maghruf u ghadu jissemma Karmelo Zerafa.

Zerafa twieled fl-Isla fl-1882 minn familja serja u tad-dar. Missieru kien jismu Ganni u ommu Kelina,xebba Scerri. Fi zmien meta l-familji taghna fostna kienu maghrufin aktar bil-laqam, Zerafa kien maghruf bil-laqam tal-familja tieghu 'Dijanor' (Dionara), izda shabu tal-palk aktarx kienu jsibuh bhala Karmenu Zrejf ("iz-zrejf") li hija tahsira tal-kunjom Zerafa.

Zerafa kien ta' statura tipikament Maltija, la twil u l-anqas qasir hafna, zaghru il-fuq ghamla ta' rizza u bil-mustacci a la Charlie Chaplin. Kien jahdem ta' shipright fit Tarzna, u kif jghidu shabu, kien haddiem biezel u ta' l-affari tieghu. Kien bniedem ta' natural mill-ahjar, umli, ikellem u isellem lil-kulhadd. wiccu dejjem dahqan, donnu qatt ma kien ikun bin-nervi. F'kelma wahda Zerafa kien mahluq ghall-palk, u fuq il-palk qatta l-ahjar snin ta' hajtu.

Cajtier minn guf ommu, Zerafa dejjem hadem ta' komiku brillanti, u bhala buffu kien wiehed mill-aktar maghrufin ta' zmienu. Ma kienx buffu li jridek tidhaq bilfors, u l-anqas ma kien vulgari fic-cajt tieghu; kien meqjus fi kliemu u fil-mossi u ghalhekk kien ihobbu kulhadd. Kien jahdem regolarment mal-kumpanija "La Sengle" li kienet tahdem fit-Teatro Nazzjonale ta' l-Isla (Ta' Mabbli). Bosta drabi kienu jahdmu wkoll barra mill-Isla, specjalment il-Belt fit-Teatru Manoel fejn kienu jaghmlu bosta vodvilli u parodiji ta' l-opri, helwin hafna, li bihom kien jiehu gost kulhadd.

Fuq il-palk, Zerafa kellu padronanza kbira; qatt ma kien jitfixkel. Ghadni niftakar li darba wahda rieduh ikanta kanzunetta flok wiehed kantant li kien ghadu ma wasalx. Il-muzika kienet vivaci hafna. "Qisha, Zrief!" qalulu shabu,"ohrog kanta!" "Inkanta?!..Mela jien nafha?!" wiegeb. F'daqqa wahda sab ruhu f'nofs il-palk, u beda jgerfex u jhawwad, hu stess ma jafx x'kien

qieghed jghid. Meta raw hekk, in-nies bdiet iccapcap u thabbat fuq il-bankijiet, il-plateja kollha tghajjat.. Meta dahal bjen il-kwinti ghajjat ta' "Bis,bis,bis!" shabu minn wara' l-kwinti regghu imbuttawh ghal-fuq il-palk biex ikompli jhawwad u jgerfex, filwaqt li n-nies qamu fi storbju ta' capcip sakemm rega dahal.

F'dak iz-zmien, fit-Teatro Nazzjonale ta' l-Isla, kull nhar ta' Hadd kienu jsiru zewg wirjiet; l-ewwel film 'silent' (mutu)u wara' farsa kollha dahq, b'Karmenu Zerafa bhala protagonista. Teatru ppakkjat bin-nies bilwieqfa,fil-kuriduri u mxabbtin mal-palk. Dak iz-zmien ma kienx hemm limitu ta' numru kemm jidhlu; daqshekk iehor kien ikunhemm nies jistennew barra ghax-'show' l-ohra. Dan kien idum ghal-erba' snin shah, dejjem b' Zerafa protagonista, ghalhekk huwa ha parti f'aktar minn mitejn farsa, barra li kellu 'shows' fit-Teatru Manoel il-Belt, u f' teatrini ohra.

Fuq il-palk, Zerafa kien ikollu l-isbah xalata; hallieh jivvinta u jpaspar kif jaf hu, fost id-dahq ta' l-ispettaturi... Xi farsa kien jikteb ukoll, u anke jgib xi farsa minn Franza, li kien jaqlibhielu ghall-Malti, il-mibki Erin Serracino Inglott, Senglean bhalu. Fil-fares dejjem kien ikollu ismijiet strambi, bhal Cirillu, Damjan, Kosmu, Glormu u ohrajn...u meta f'xi farsa s-sinjur kien isejjahlu, u Zerafa jirrispondi minn wara' l-kwinti, "Hawn jien,gej!" in-nies kienu jaghrfuh, u jibdew icapcpu u jghajjtu bil-ferh.

Xi drabi, fl-intervall, kien jaghmel xi makkjetta, bhal poezija b'toghma aktarx satirika. Zerafa kien johrog fuq il-palk liebes kull xorta ta' lbies skond is-suggett. Ghadni niftakar makkjetta li kienet tibda bil-kliem:"U Sidor ma gralu xejn hlief farrak wiccu...". Gie li hareg b'lbies ta' bokkamort, bit-tomna f'rasu u t-torca fidu. Fuq il-palk Zerafa kien juza wkoll hafna frazijiet li kont tahsibhom bla sens, bhal.. "Durli dawra bokkin.." Tant kienu drawa din il-frazi, in-nies, li anke fit-triq kont spiss tismaghha. Jew meta jidher f'xi xena jiggieled ma' xi hadd, kont tisimghu jghid:"Ghax intik daqqa u l-anqas bit-tromba ma narak!" jew inkella "Jew tiskot jew naghmlek tabakk tal-mnieher!" u hafna espressjonijiet ohra minn dawn. Meta f'xi farsa kien ikollu parti fejn jinnamra mas-seftura,bilqeghda fejn xulxin kien jghidlha "Xi hlewwa..qisna beccun u beccuna!" u kien jaghmel wiccu li jaqsmek bid-dahq.

Zerafa kien buffu li kien idahhaq pulit. Biex ikun komiku komplit minn-kollox, Zerafa kien beda wkoll jitghallem li jkun ventrilokwista, u sahansitra ordna pupu tac-carruta bhalma jkollhom il-ventrilokwisti, izda ghal xi raguni il-pupu ma sarx. Fid-dar kellu senduq mimli hwejjeg ghall-kull okkazjoni tal-palk; qalziet iccangjat kull kulur, surtun iswed, tomna, parrokki, sdieri ikkuluriti, umbrella, bastun, brieret, kpiepel, ta' kull ghamla. Kellu wkoll kaxxa sewda pulita qisha bagalja, ghamilha hu stess, li kien jghidilha tal-'Fa bisogno', li kellu fiha mustacci kbar u zghar, kuluri ghall-wicc, pupsijiet ghall-irtokk ta' taht l-ghajnejn, inkravati, cfuf kbar, ecc.ecc.

Il-kaxxa tal-'Fa Bisogno' kont nehodhielu jien fit-teatru ta' l-Isla, biex ihalluni nidhol, ghax insejt nghidlkom li Zerafa kien iz-ziju tieghi(iz-ziju Karm),hu il-mama' tieghi. Niftakar darba dan iz-Ziju Karm, meta jien kont qed nitghallem strument, qalli:"Tonfohx b-imsarnek,onfoh b'imsaren haddiehor!" u bdejt nitghallem il-vjolin, ghalhekk bdejt indoqq b'imsaren haddiehor! Meta darba xi hadd qallu "Zerafa, darbtejn insiru tfal" huwa qabez u qal: "Le, ghax jien qatt ma kbirt!"

Zerafa kien ragel kwiet hafna, dejjem id-dar jikteb xi farsa jew ipingi xi kartellun(poster) ghal xi kummiedja li kienet se ssir fit-Teatro Nazzionale ta' l-Isla. Dak kien il-'hobby' tieghu. Meta kienet ser tkun serata specjali, kienu jitwahhlu kartelluni ma' l-Isla kollha, bhal:- "Dramm Kbir, Interessanti, u Farsa Kollha Dahq, Protagonista KARMELO ZERAFA" ismu b'ittri kbar. Tant kien imsemmi. li meta kien jiehu parti bhala protagonista, it-teatru kien ikun dejjem iffullat bin-nies.

Zerafa kien helu anke fil-mod kif kien ikanta l-mak-kjetti u l-vodvilli. Dik il-habta kienet in-voga il-kanzunetta taljana"Occhi neri e la bocca piccolina" u "Serafina,Serafina", u ohrajn. Fid-dar tieghu, kellu vetrina mimlija kollha fares, kummiedji, u kitbiet ohra dwar il-palk. Dawn li gejjin huma ftit mill-fares li ha parti fihom hu bhala protaginista: Seftur ma' l-Gharus ta' Martu; Mifsud and xriha potato merchants; L-Ordni hi li tohhor; Il-kok u l-iskrivan; Ritratt ta' Tork; Ic-cinetta rajtha xejn?; Farsa Numru 7; Statwa tal-laham; Il-Gramofon; Iz-Zija ta' Karlu; L-Ghawdxin fit-teatru; L-ahhar tad-dinja; Baslakku fit-tahbila tal-magna; Fula Maqsuma; Talavera Hotel; Tarbija ta' 49 sena; Il-Kafe' Avvelenat; Lejlet il-Karnival; u bosta ohrajn...

Hemm atturi li hadmu mieghu li ghadni niftakar. Manwel Casha(Tal-Bronk),karatterist brillanti; Pietru Zammit (il-Malapiz); Mikiel Buontempo(Il-Mike),famuz jaghmel parti ta' ngliz jitkellem bil-Malti; Carmela Borg,kantanta tajba; Guza Caruana li mietet ftit ilu ta' 91 sena kienet timlieh il-palk; Kolinu Grima(oj oj), u ohrajn.

Dak iz-zmien kienu jigu jaghmlu drammi serji fit-Teatro Nazzionale ta' l-Isla, il-kumpanija tal-Belt, "I Giovani Cittadini", kollha atturi mill-ahjar, kwazi professjonali, b' teatru mimli, u ftit ftit kollha hadu parti wiehed wiehed f'xi farsa ta' Zerafa, tant kienu jiehdu gost b'teatru ppakkjat.

Ghad li kien bniedem popolari hafna, Zerafa qatt ma tilef rasu, ghax kien umli; meta rtira riedu jaghmlulu intervista fuq ir-Rediffusion, imma ma accettax l-invit. Baqa jghix ta' guvni ma' missieru Giovanni ghomru kollu sakemm dan miet f'dejh, jibki u jmellislu xaghru b'imhabba kbira.

Zerafa kellu qalbu tajba, ihobb hafna lil-ohtu Guzeppinau lil-uliedha, u peress li kellha hafna tfal kien ta' ghajnuna kbira ghaliha. Niftakar li meta darba kien marid, kont hadtlu sitt pasti f'kaxxa, u meta mort narah qalli"X'ghandek f'dik il-kaxxa, Guz?" u meta ghedlu li pasti, qalli "U le..jien m'inhix t'hekk..."

Miet fit-18 ta' Frar, 1967 ta' 85 sena mibki mill-familja tieghu kollha, flimkien ma' numru kbir ta' hbieb. Saritlu quddiesa prezenti katavru fil-knisja ta' Kristu Re fir Rahal Gdid u difnuh fil-qabar tal-familja fic-cimiteru ta' l-Addolorata.

---

Nota: Din is-sena qed tidher numru doppju/harga doppja ta' l-Imnara, minhabba li l-Ghaqda tal-Folkoor ghalqet 25 sena mit-twaqqif taghha.

---

Il-Bibljografija li normalment tidher f'kull harga ta' l-Imnara, f'din il-harga m'hix qed tidher, minhabba nuqqas ta' spazju, izda ser tinzamm ghal-harga ohra. Dan jappika wkoll ghan-notamenti dwar attivitajiet mill-Ghaqda tal-Folklor.

---

L-Illustrazzjonijiet bil-kulur li jidhru fil-pagni 35 u 47 gew stampati bi prezz imnaqqasm mill-Image Sustems, Valletta.

---

Biex nohorgu l-Imnara, ukoll fil-format li tidher bhalissa, tirrikjedi hafna spejjez, ghalhekk nitolbu lill-membri biex igeddu s-shubija taghhom (£m1 fis-sena) ghall-1990. Ma nixtiequx li wiehed jitlob l-Imnara biss minghajr ma' jissieheb fl-Ghaqda, ghax inkella ma' jkunx qed jghina.

---

# WIRJA 1989

Lista ta' oggetti ezibiti f'din il-wirja li saret fic-centru tal-Frangiskani Konventwali,tal-Belt Valletta, Triq Melita. Il-wirja saret bhala attivita' fl-okkazjoni tal-Gheluq il-25 sena mit-twaqqif tal-Ghaqda tal-Folklor, u giet inawgurata mill-Onor. Dr.Ugo Mifsud Bonnici,Ministru ta' l-Edukazzjoni. Il-partecipanti fil-wirja kienu, f'ordni alfabetiku, is-sinjuri Angelo Dougall,Alfred Fenech, Joseph Fenech, Guido Lanfranco,Joseph Porsella Flores,Paul Portelli, f'din il-lista referiti bl-abbrevjazzjonijiet ta' AD, AF, JF,GL, JPF u PP rispettivament. Il-wirja giet imsemmija HOLOQ MA' L-IMGHODDI U MEDICINA POPOLARI. Giet irrappurtata tista' tghid, fil-gazzetti kollha, u marru jarawha ghadd kbir ta' nies. It-Tema ta' Medicina Popolari bhala parti ta' din il-wirja, hija l-ewwel wahda f'Malta.

L-ezibiti, kif dehru, jibdew mix-xellug tas-sala kif tidhol, iddur ghall-lemin u tohrog lejn barra; kienu kif imsemmijin hawn,akkumpanjati bl-inizjali ta' min ezibihom:

Sett ta' 84 karikaturi bil-kulur dwar medicina popolari,silta minn 200 li kienu dehru f'serje ta' programmi televizivi fl-1980(GL) Sett ta' 32 mudelli tat-tafal,karikaturi, li juru sitwazzjonijiet fil-medicina popolari lokali, ukoll kienu dehru fl-1980 fuq it-TV. (GL); Mudelli ta' tliet kataletti, mejjilla, zewg karrijiet tal-mejtin, tliet portantini(sedan chairs) li darba kienu ffurmaw parti minn wirja dwar l-istorja tat-trasport f'Malta, fl-1981(GL); Zewg ghamliet ta'hdejjed tal-moghdija,catta u elettriku,antiki, u zewg fanali tar-rih(JF);Hadida tal-faham,hadida ta' l-isteam,; marzebba tal-ballata, baqra ta' l-istuffat,raddiena tac-combini, mudelli ta' karrettuni tal-pitrolju,tal-hobz, omnibus, karrettun tal-kampanja,inhaler(GL);'footwarmer','chamberpot'tal-fuhhar, 7 jarar tal-metall ghaz-zejt u nbid, kejlijiet(pinta,terz,ecc), mizien tal-mejda bl-uzini(wizna,ratal,ecc.,Meghriez, tomna, kejlijiet ohrajn tal-metall, zewg sieghan(injam),5 jarar u kontenituri ohrajn(fuhhar),pressa ghall-'beef tea',makna tal-hjata tal-loghob, bieqja ghall-ghasafar(fuhhar),jarar tal-fuhhar ghall-ilma, flixkun tal-gnibru(fuhhar)(AF); Sett ta' 12 bulettini tal-precett ta' l-ghid,fosthom ghas-servizzi, hall-isptar, ghall-habs, ecc., sett ta' 4 stampi ta' kostumi-bejjiegha Maltin(JPF); sett ta' 16 tpingijiet taz-zejt dwar aspetti folkloristici lokali li diversi drabi dehru f'wirjiet ohra u fi zmien ukoll kienu fil-muzew tal-folklor,ecc.,(GL); oggetti ckejknin,fosthom bokkin tal-qasab, kontenitur ghall-liri u nofs liriet tad-deheb, talja tal-bdiewa tal-pitkalija, skufja tal-bizzilla,operculum ta'bebbuxu li kien jintuza ghac-curkett tal-qarnita(GL); Kuciniera ta' zewg micec satal tal-bir, mithna tal-kafe' ta' l-idejn,inkaljatur tal-kafe',

qanpiena tal-bieb u ohra tal-mejda, tliet habbatiet tal-hadid.(AF) Aktar oggetti ckejknin, bhal ghazziela(Zebbug Ghawdex), ward ta' Pompej,Ostji ta'S.Rita,Xemgha tal-gandlora, bajd homor ta' l-Ghid tal-Griegi,Hobz ta'S.Nikola(ta'Bari u ta'Tolentino),Trab mill-Grotta ta' S.Pawl,Rabat, Zewg sunetti antiki tas-seklu l-iehor, tal-festi.(GL); Fanal tal-Vjatku(AD); 3 tazzi taz-zejt tal-festi, 2 kaxxi lumini, lampi ta' veikoli, ta'l-acitelena u tal-pitrolju, Passatur tal-fuhhar,ciknatur zghir(injam),lenbuba(injam),Mnara bil musbieh,kontenituri tal-fuhhar, borom ecc.ta' Franza, bezzun tal-gelat, tliet lenbijiet,3 pagni ta'Franza, gharbiel tal-$\frac{1}{4}$", qfief tas-sajjieda,qaleb tal-frawli(qoffa), qaleb tal-gbejniet.(AF); Hdax il-mudell tat-tafal b'karattri lokali, li jinkludu bir, tar-rizzi,mara riekba fuq hmar, bejjiegh tat-tigiegbil-gageg,bejjiegh ta'l-ilma(tnejn),Ghanneja(tnejn),bejjiegh tal-frott, Rozarjant jigbor ghall-imghallqin, sett tal-bexxiexa tat-triq, hallieb tal-moghza(tal-halib).(PP); Sett ta' 19 mudelli ji juru l-kuluri tal-buses(xarabanks) kif kienu qabel l-1973 skond id-destinazzjoni, u 3 buses antiki(mudelli akbar) ta' l-ewwel ghamla ta' buses ta' bejn iz-zewg gwerer,bil-gallarija qara.(GL); Ghonnella sewda(JF) Matul ix-xellug kienhemm ukoll mudelli ta' processjoni tad-Duluri-Via Sagra(Sacro Cuor Skiema), u tal-Vjatku solenni li kien isir fl-istess parrocca(GL).

------ooOoo------

# HADD IL-PALM FILGHODU F'BIRŻEBBUGA

minn ANGELO DOUGALL

Ghal darb'ohra din is-sena(1989), jum il-Hadd,19 ta' Marzu, rajna f'Birzebbuga, l-"pageant" religjuz ta' Hadd il-Palm, it-tielet darba li sar, u li nistghu inqisuh bhala avveniment folkloristiku. Forsi ghad narawh ukoll jinxtered ma' dawn il-gzejjer taghna. Fuq kollox, il-folklor ta' pajjiz huwa sensiela ta' drawwiet jew avvenimenti hajjin, marbuta mal-hajja tar-rahal, belt, provincja jew pajjiz, li jkun marbut mal-poplu fil-hajja religjuza, u folkloristika, fil-hajja socjo-kulturali, u li jsiru parti mic-cerimonji tal-poplu. Dan il-grajja jew "pageant" f'Birzebbuga kienet turija religjuza gdida, mqanqla u sabiha, u li ghandha tolqot l-immaginazzjoni ta' kulhadd.

F'Hadd il-Palm filghodu, fil-ftugh tal-festi tal-Gimgha Mqaddsa u ta' L-Ghid il-Kbir, issir ic-cerimonja li tfakkar id-dhul trijonfali ta' Gesu Kristu f'Gerusalemm, riekeb fuq hmara fost fost l-ghajjat ta' Osanna u l-kant tal-poplu Lhudi, u tixjiı tal-weraq tal-palm u taz-zebbug. Din il-grajja msemmija fit-Testment il-Gdid baqghet titfakkar bl-akbar solennita' mill-Knisja Nisranija, bic-cerimonja li ssir f'Hadd il-Palm filghodu.

Qabel bdiet ic-cerimonja religjuza fil-Knisja, dehru fit-toroq ta' Birzebbuga corma zaghzagh lebsin ilbies Lhudi bhal dak ta' zmien Kristu, u zaghzugh minnhom kien liebes ta' Kristu, riekeb fuq hmara. Dawn bdew iduru t-toroq ta' dan ir-Rahal pittoresk, bil-weraq tal-palm u tal-frieghi taz-zebbug f'idejhom, flimkien ma' nies ohra ta' Birzebbuga, akkumpanjati mill-kor tal-knisja. Ghaddew mit-toroq ikantaw innijiet u kant iehor religjuz ferriehi.

Dan il-"pageant" organizzah mill-Vici, Dun Evan Caruana, u minn zaghzagh ta' l-Azzjoni Kattolika ta' Birzebbuga, flimkien mal-kor tal-parrocca, u ohrajn li jiehdu sehem fir-recta tal-Passjoni matul il-granet tal-Gimgha Mqaddsa. Forsi bil-mod il-mod, dan il-"pageant" jinfirex ma' bliet u rhula ohra ta' dawn il-gzejjer, u jibqa' fil-hajja folkoristika religjuza. Dan il-"pageant" go Birzebbuga, imqanqal mill-hegga taz-zaghzagh ta' l-Azzjoni Kattolika tal-lokal, jigbed l-ammirazzjoni u kummenti tajba ta' gazzetti nazzjonali, u ta' hafna turisti li jinzertaw madwarna f'dawk il-jiem.

Fiz-zminijiet nofsana(medjo-evo) din ic-cerimonja ta' Hadd il-Palm kienet issir b'solennita' mill-poplu kollu li fiha kienu jiehdu sehem, kif ukoll kienet issir "pageant" mhux wisq differenti minn kif qed issir f'Birzebbuga. Kienu wkoll jilbsu xi vestwarju, u fost il-ferh u l-kant tal-poplu kienu jibqghu dehlin bil-hmara fil-knisja jew kattidral ta' fejn kienet issir din ic-cerimonja jew "pageant". Fl-ibliet ta' l-Ewropa ta' Fuq, fejn kienu jsiru dawn il-"pageants", daqs sitt mitt sena ilu, ghadhom jinstabu mxerrdin f'xi muzewijiet statwi mdaqqsin ta' din ic-cerimonja, ghaliex dan l-avveniment fil-hajja ta' Gesu'Kristu, u d-dhul trijonfali tieghu f' Gerusalemm, qanqal l-immaginazzjoni ta' hafna artisti, poeti, kittieba u muzicisti, u l-gwejda hmara hadet il-glorja misthoqqa li fost tant kreaturi qasmet ma' Kristu l-glorja tal l-Osanna fid-dhul tieghu trijonfali f'Gerusalemm.

<u>Il-Hmara fil-Leggenda Maltija</u>

Il-hmara, bhima gwejda tar-razzett u tal-hajja rahlija, fid-dinja kollha u aktar u aktar hawn Malta, fejn l-ambjent rahhali taghna jixbah lil-dak ta' Israel, konna sikwit narawha tigbed bil-qajla l-qajla, xi karrettun zghir tal-haxix mat-toroq taghna. Hasra li ftit ghadna narawha llum. Hija bhima wisq imsemmija fil-Bibbja Mqaddsa, kif ukoll insibuha msemmija fil-hajja ta' Gesu' Kristu. Tfakkarna wkoll f'poezija ckejkna tal-poeta kattolku Ngliz G.K.Chesterton, imqanqla minn sentimenti lejn din il-bhima gwejda. Insibuha wkoll tiehu sehem fit-tigrijiet tradizzjonali u folkloristici taghna, li ghadhom isiru f' Malta u Ghawdex. Ghandna wkoll leggenda marbuta mal din l-imbierka hmara u d-dhul ta' Kristu f'Gerusalemm.

Kif jirrakkontaw il-bdiewa, il-marka ta' salib bil-pil iswed fuq dahar il-hmara, kien hallihielha Gesu' Kristu bhala tifkira tar-rikba tieghu fuqha, meta dahal Gerusalemm. Mela kull hmara li titwieled b'dik il-marka ta' salib iswed fuq dahra, hija mizmuma b'ghozza kbira. Insejhulha l-Hmara ta' Gerusalemm, u meqjusa li hi ta' nisel ta' dik il-hmara li fuqha rikeb Gesu Kristu nhar Hadd il-Palm.

Il-folklor fil-hajja tal-poplu huwa sensiela ta' drawwiet li waqt li xi whud minnhom jispiccaw maz-zmien, jintilfu u jintnesew, ohrajn godda jitwieldu jew jirxuxtaw, jitrawmu u jiggeddu u jibqghu hajjin fost il-poplu. Ta' min ifahhar din il-"pageant" gdida go Birzebbuga, b'tama qawwija li tibqa' ssir ta' kull sena u tinxtered aktar. Wara kollox huwa l-poplu li jiehu sehem haj fi drama ta' grajjiet u tifkiriet taghhom.

Fis-snin li ghaddew, ghadna niftakru lill-qassisin u l-kleru ta' kull belt u rahal fic-cerimonja ta' Hadd il-Palm, li kienu jhabbtu mal-bieb maggur tal-knisja fost kant gregorjan

bil-latin li kien zviluppa tul is-sekli minn dak iz-zmien tal-medjo-evo, meta l-poplu kien jiehu sehem attiv f'din ic-cerimonja, b'dinjita' ta' tifkira solenni tad-dhul ta' Gesu' Kristu f'Gerusalemm.

F'dan il-"pageant" religjuz u mqanqal li jsir f'Birzebbuga, naraw trawwim gdid ta' dak li kien isir fiz-zminijiet tal-qedem; insejhulu folkloristiku, ghaliex f'din ic-cerimonja ta' drama jiehu sehem attiv u jhaj il-poplu, b'tifkira solenni ta ' Hadd il-Palm filghodu....

---

Il-Kitbiet li qed jidhru minn pagna 64 il-quddiem, u li ipparticipaw fil-konkors ta' kitba folkloristika 1988, qed jigu ppublikata skond il-kundizzjonijiet u r-regolamenti li kienu gew ippublikati qabel il-konkors, u li qeghdin jidhru f'din il-harga ta' l-Imnara, pagna 63.(ara paragrafu 'g' tar-regolamenti

---

# IL-KELB FIL-FOLKLOR

minn RAFEL BONNICI-CALI

Il-kelb huwa aktarx wiehed mill-aktar annimali mahbubin mill-bnieded fid-dinja kollha, minhabba l-ghajnuna li jaghti lil sidu, kif ukoll ghall-imgieba tajba tieghu u l-imhabba li juri lejn in-nies. Il-kelb huwa wkoll annimal intelligenti hafna u jitghallem malajr fl-ambjent li jsib, u mhux malajr jinsa lil sidu jekk jinfired minnu. Meta jdum ma jarah, imqar ghal ftit zmien, il-kelb erhilu jifrah bih, iferfer denbu u joghla mieghu, bhallikieku l-istess kif jaghmlu l-bnedmin li jinhabbu.

Ghalhekk dan l-annimal dahal sewwa fil-folklor u fl-istorja tad-dinja, kif ukoll fostna l-Maltin. It-tfal juru gibda kbira lejn il-klieb, u dawn isiru hbieb tal-qalb taghhom. It-tfal taghna draw isejhu lill-kelb "tetu" u l-kelba "teta", ghax it-tfal taghna ghandhom ghamla ta' lsien ghalihom, tista' tghid ghal kull haga ta' madwarhom, bhal "binbi" ghall-inbid, "tata" ghall-missier, "tuttu" ghaz-ziemel, "bobba" ghall-ibsa, ecc.

Ma naf x ghaliex lil nies ta' qalb hazina jghidulhom "kelb", ghax nafu li generalment il-kelb juri mhabba lejn il-bniedem; jinghad li l-Gharab ta' l-Afrika ta' Fuq kienu jsejhu lill-Maltin "Klieb mansi", u l-Maltin kienu jsejhu lilhom "Klieb talBarbarija", ghax jinghad li l-Barbarija kien hemm razza ta' klieb horox li ma jahfruha lil l-ebda stangier, u li kienu maghrufin ghall-ghassa ma sidhom.

L-aktar klieb mahbibin mill-Maltin huma dawk tal-kacca, dejjem jigru ma' saqajn il-bdiewa u l-familja taghhom. Izda razza ohra mahbuba hija dik tal-Kelb tal-Fenek, imsemmijin ghal heffa taghhom, u fid-daqs akbar mill-ohrajn u ghamla aktar pulita.

In-nisa ghonja antiki Maltin, kienu jhobbu hafna klieb zghar ta' saqajhom qosra bil-pil twil, li baqghu jissejhu klieb ta' Malta, li kienu saru moda hafna fis-seklu tmintax, u ghad fadal bosta pitturi ta' kbarat Maltin, u nisa ghonja, bil-kelb Malti f'idejhom. Fost il-kbarat taghna kien hemm il-Gran Mastru De Paule, li kien ihobb wisq il-klieb tal-kacca, kif ukoll il-klieb zghar ta' Malta, u fadal xi ritratti pittura tieghu fejn jidher bil-kelb Malti f'idu, bhalma hemm wiehed fis-sagristija tal-Monasteru ta' S.Ursula l-Belt. Fuq il-famuza logga tal-kacca li nbniet fir-Rahal Gdid, fi zmien De Paule, kienhemm arma mahduma fil-gebel, li kellha ghamla kwadra,

bejn zewg t-iklieb tal-kacca mimdudin, iharsu lejn xulxin, u jinghad li din saret bi tmaqdira ghal dawk il-Maltin li ma jahmlux lil-xulxin, skond it-tradizzjoni li ghadha sejra f' Hal Tarxien; ghallinqas hekk kien jghid, Guzi Micallef Goggi li ghex ghomru u zmienu f'dan ir-rahal.

Izda in-nobbli Guzepp Sant Manduka li ghex hajtu kollha fl-Imdina, kien jghid storja ohra ta' kif inholoq l-ghajdut "Il-Maltin klieb ghal xulxin". Skond Sant Manduka din il-frazi kien qalha l-hakem snin qabel il-migja tal-kavallieri, meta zewg irgiel iggieldu u harrku lil-xulxin quddiemu. Wiehed minnhom kien kisser sinna minn halq l-iehor, fil-waqt li l-iehor kien kissirlu zewg sinniet b'daqqa ta' ponn. Il-hakem sabhom it-tnejn hatjin, u qallhom biex jiftehmu u jahfru lil-zulzin; izda billi sabhom it-tnejn rashom iebsa qalilhom li ser jaghtihom kastig li jaghzlu huma stess, bil-kundizzjoni li dak li kisser iz-zewg sinniet jiehu kastig doppju. Ghalhekk il-hakem staqsa x'kastig ried dak li kisser sinna wahda u qal li ried li jaqalghulu ghajn wahda, biex b'hekk lill-ghadu tieghu jaqalghulu tnejn. Kulhadd kien tkaza b'din il-hruxija, u l-hakem sejhilhom "Klieb ghal-xulxin".

Din il-grajja nfirxet ma' Malta kollha, u waslet sal-Furjana meta wiehed mill-bibien tas-swat taghha gie mlaqqam il-mina tal-klieb, li ilha li twaqqghet biex taghmel wisa' ghat-traffiku li jaghti ghall-imsida. Il-maggur Edward Scicluna, iben il-Furjaniz Sir Hannibal Scicluna, kien jghid, li wkoll fuq din il-mina kienhemm zewg klieb imnaqqxin fil-gebel, aktarx tifkira tal-G ran Mastru De Paule, dilettant u patrun tal-klieb.

Izda l-Furjanizi jghiduha mod iehor; li fil-mina kienu jinzammu l-klieb li l-pulizija kienu jsibu bla medalja u li kienu jinsabu jiggerrew barra fi zmien meta kien hawn il-marda imsejha tar-rabbja li kienet tinvalena lin-nies ukoll. Il-verita' hi, li fi zmien, nies ta' qalb xierfa kienu jissejhu klieb.

Prova ohra ta' dan hija li ghandna post barra r-Rabat imsejjah Ghajn Klieb fejn saret taqtigha bejn Maltin u Gharab li kienu qed ihejju biex jahtfu taht idejhom il-Gvern Ta' Malta fil-Gimgha l-Kbira. Il-konfoffa inkixfet, u l-Maltin ghassew-lhom, u qabduhom fejn l-Ghajn hekk imsejjah Ghajn Klieb.

Il-kelb dahal hafna fil-kliem tal-proverbji taghna, bhal "Kelb rieqed la tqajmux" ghax int tahti jekk ihebb ghalik u "Il-kelb mismut, kull ilma jahsbu mishun" ghax ikun garrab id-deni, u ma jinsiex li l-mishun jidher bhall-ilma. "Kelb li jinbah la tibzghax minnu" ghax ikun qed javzak u jhallik tghaddi, izda jekk tersaq lejn jgharralek. "Il-kelb il-mutu ibza' minnu" ghax dan jirrambak bla ma javzak, bhalma jaghmel il-halliel li jaqbez fuqek meta ma tobsorx. "Min ihobb lill-kelb ihobb lil-sidu" ghax minimelles il-kelb ta' xi hadd irid xi haga minnhu.

Il-kelb jissemma ghal-tjubitu fil-grajja ta' l-ghani u Lazzru t-tallab imgiddem; l-ghani ma hennx ghat-tallab, izda l-kelb kien jighaqlu l-fereiti. L-istess imhabba tal-kelb narawha fix-xbiha ta' Santu Rokku, fejn il-kelb ukoll jilghaqlu l-fereiti tal-pesta; hemm mijiet ta' stejjer li jutu l-hniena u l-baqvuri tal-kelb lejn il-bniedem.

Dari il-kelb kien jinsab f'kull dar Maltija; izda daz-zmien id-djar m'ghandhomx wisa' ghall-kelb jew annimali ohra, waqt li il-klieb sau posthom l-aktar fir-rziezet u djar kbar, fejn jinzammu bl-akbar ghozza, u jittiehdu ghall-wirjiet ta' kull-sena ghall-kompetizzjonijiet bi-premji.

Matul il-hakma Ngliza f'Malta, il-klieb hadu r-ruh, ghax twaqqfet id-Dog's Home ghal-klieb mitluqin . Il-pulizija hadmet ukoll biex taqta' d-drawwa krudila ta' dawk li kienu jaqtghu il-widnejn tal-klieb, jew denbhom, u jrawmuhom ghall-glied li konna narawhom sa xi ghoxrin sena ilu f'xi rhula ta' nies rozzi.

Ta' min izid, li ghalkemm il-klieb kienu u ghadhom mahbubin mill-Maltin, fi ckuniti kien hawn nies, li jibzghu minn dan l-annimal mans, ghax xi klieb kellhom id-drawwa li jitilghu man-nies, specjalment mat-tfal zghar, u dawn kienu jitwerwru. Dan kien htija ta' l-ommijiet stess, li biex izommu l-uliedhom god-dar, kienu jghidulhom li jekk johorgu barra jigi kelb ("tetu") u jigdimhom. B'hekk dawn aktarx baqghu jibzghu mill-klieb ukoll meta kibru. Meta kelb kien jissogra jidhol fi knisja wara sidu, kien jigi mkecci jew imsawwat minn sidu stess. L-ghar kien ikun meta xi xih jipprova jkecci l-kelb bil-bastun, ghax il-kelb jibda jinbah kull darba li jilmah lil xi hadd li jkollu bastun jew umbrella f'idu, ghax, kif ga ghedna, "il-kelb mismut, kull ilma jahsbu mishun"!

---

UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA

# KONKORS FOLKLORISTIKU

Fis-sena 1988, l-Ghaqda tal-Folklor organizzat konkors ta' Kitba minn tfal u kbar "BIEX MA NHALLUX L-IMGHODDI JINTILEF"

Dan gie mniedi b'cirkolari u fil-gazzetti lokali fi Frar 1988, b'data ta' l-eghluq sal-15ta' Mejju 1988.

Il-Kundizzjonijiet kienu dawn:
SUGGETTI:
1. Sena jew xoghol ta' l-imghoddi ta' kwalinkwe xorta, fejn jissemmew ukoll l-ghodda, metodi, possibilment b'disinji jew ritratti.
2. Loghob jew passatemp jew divertiment ta' l-imghoddi, jekk jista' jkun ukoll b'xi disinji jew ritratti.
3. Ghajdut, taqbil dwar devozzjonijiet, nies, stwazzjonijiet, hajja fid-dar, kura, leggendi, ecc...

REGOLAMENTI U KUNDIZZJONIJIET:
a. Il-partecipanti jistghu ikunu kategorija (i)tfal, jew(ii)Kbar.
b. Il-kitba, li tista' tkun twila jew qasira, GHANDHA TKUN ORIGINALI, mhux ikkupjata, u mhux ibbazata fuq xogholijiet ga stampati band'ohra.
c. Il-kitba trid tkun esperjenza personali ta' nies anzjani, jew rizultat ta' kuntatti jew intervisti ma nies anzjani, li ghandhom jissemmew bl-isem u bl-indirizz fil-kitba, bhala referenza.
d. Jekk jiktbu t-tfal fil-kategorija taghhom, ghandhom ukoll jaghmlu kuntatti jew intervisti ma' nies ohra anzjani li ghandhom jissemmew bl-isem u bl-indirizz bhala referenza.
e. L-ahjar kitba fiz-zewg kategoriji tinghata premju tifkira, u certifikat ta' partecipazzjoni. Kull min jippartecipa, ukoll skola li tirrikmanda xi tfal u kitba, jircievu certifikat ta' partecipazzjoni.
f. Il-kitba ghandha tintbghat lill-Ghaqda tal-Folklor c/o Sur Guido Lanfranco,78,St.Trophimus Street, Sliema, jew c/o Sur Alfred Fenech,"Grezz" Triq id-Dirsa,Attard, akkumpanjata bl-isem, indirizz u telefon ta' min jikteb. MHUX AKTAR TARD MINN 15 ta' MEJJU 1988
g. Il-kitba tinzamm mill-Ghaqda tal-Folklor, u jekk addattata, tista' tigi ppublikata fl-Imnara, perjodiku ta' l-Ghada tal-Folklor. Min jitlob il-kitba lura, din tintbghatlu, izda l-Ghaqda zzomm fotokopja ghar-rekords taghha.

Ikkonkorrew tlieta tasima Tfal, u sitta taqsima Kbar. Fis-27 t'Ottubru 1988 saret it-cerimonja tat-tqassim tac-certifikati mis-Sur Guze' Cassar Pullicino, fil-British Legion(Malta) il-Belt, u z-zewg tazzi ghall-ewwel premju ta' kull kategorija gew irregalati minn Dr.Charles Cassar,M.D.,il-fundatur ta' l-Ghaqda tal-Folklor. Il-kitbiet li dahlu qed jigu ippublikati fl-Imnara, hlief tnejn minnhom, li ghalkemm nghataw certifikat ta' partecipazzjoni, kienu ga dehru stampati shah jew parti minnhom, band'ohra qabel il-konkors.(ara b tar-regolamenti hawn fuq)

Kitba Taqsima Kbar li dahlet ghall-konkors ta' kitba dwar folklor 1988, u li hadet l-ewwel premju.

# IX-XOGHOL TAL-PALM

minn ANTON F. ATTARD

Ix-xoghol tal-palm gie li jissejjah ukoll xoghol tar-rattan, u kien isir l-aktar fir-rahal tal-Qala gewwa Ghawdex. Bil-weraq tal-palm jistghu isiru hafna affarijiet, jigifieri:

i. XKUPI Dari, xkupa ta' dan it-tip kienet tissejja ukoll IMSELHA.
ii. PALJIJIET GHAS-SAJF Dawn kien ikollhom ghamla kwadra, u kienu jsiru ghall-irgiel.
iii. IMRIEWAH GHALL-KWIENER Dawn kien ikollhom ghamla tonda, u kienu juzawhom in-nisa tad-dar biex irewhu m-nar li kien jaqbad fil-kenur.
iv. KPIEPEL GHALL-IRGIEL, NISA U TFAL.
v. KPIEPEL TAL-PIZZ Dawn kien ikollhom ghamla tawwalija, u l-aktar li kienu jordnawhom l-inglizi ghat-tfal.
vi. KPIEPEL GHAZ-ZWIEMEL Dawn kien ikollhom ghamla konika, u kien ikollhom zewg toqbiet biex minnhom johorgu l-widnejn.
vii. KPIELPE KBAR HAFNA GHALL-KARNIVAL Dawn kien ikollhom il-faldi kbar hafna, u jintlibsu fil-karnival jew f'xi okkazjoni specjali ohra. Kienu jsiru skond l-ordni.
viii. GWIELAQ ta' diversi daqsijiet bil-widnejn jew bil-ghalaq.
ix. GWIELAQ GHAT-TRABI Il-gewlaq ghat-trabi kien ikun ta' ghamla tawwalija b'zewg widnejn kull naha, u kien jinhadem skond l-ordni.
x. BASKTIJIET BIL-GHATU BIC-CINGA.

Naturalment, minn dawn l-affarijiet kollha li semmejna, l-aktar tnejn li kienu jinhadmu kienu l-kpiepel u l-gwielaq, ghax huma l-aktar li kienu jimxu.

Hemm zewg tipi ta' weraq tal-palm: dak ahdar tal-frieghi, u dak abjad tal-qalba.

Il-palm, biex jinhadem irid jitnixxef fix-xemx, izda billejl irid jiddahhal gewwa minhabba n-nida, ghak inkella jikrieh. Meta l-weraq tal-palm ikun lest biex jinhadem, u jitqassam bil-mus, jigifieri ikun imqaccat mill-frieghi tal-palm, dan jibdew isejh-ulu gummar. Kull wahda tissejjah gummara, u minnha jiehdu sitt bicciet.

Il-mara li tahdem il-kpiepel, imbaghad, tibda tahdem id-dafra. L-ewwel tibda d-disgha, jigifieri b'disa' bicciet, u mbaghad izzid sa tlettax il-bicca, u b'hekk jigu sitta u sebgha. U mbaghad tkompli tahdem bi tlettax.

Dari, il-mara tal-kpiepel kienet tqabbad lit-tfal biex jahdmulha qama dafra kull wiehed qable ma johorgu jew imorru l-iskola. Id-dafram imbaghad tigi bhal cinturin twil u wiesa' xi 3 jew 4 centimetri.

Id-dafra tkun twila skond kemm ikun gej kbir il-kappell jew il-gewlaq. Il-qisien tad-dafra tal-kpiepel kienu dawn: 5,6 jew 7 qjiem(pronunzjata qim). Dan ghax tkun fina u rqiqa. Tal-gewlaq tkun xi 14-ilqama. Allura dafra ta' dan it-tul tkun komplita.

Meta tkun tahdmu, jekk il-gummar ikun niexef jew iebes, tkun trid ixxarrbu.

Meta d-dafra tkun lesta, ikun jonqos li "tnaqqi d-dafra" billi taqta8 u tnehhi t-tnietex u l-intietef bl-imqass.

Biex tibda tahdem il-kappell, jigifieri biex tinhat id-dafra, l-ewwel tkun trid ixxarrabha bl-ilma, imbaghad id-dafra tinhat bil-palm stess b'imsella.

Il-kpiepel kienu jkunu ta' zewg tipi:

i. tad-dafra hadra, maghmula mill-weraq imsejha wkoll "tad-dafra xoxna", minhabba li x-xoghol ma jkunx fin.

ii. tad-dafra bajda, li jsir mill-weraq tal-qliebi tal-palma, u x-xoghol ikun fin.

Il-qisien tal-kpiepel, b'mod generali, huma dawn: Ghall-irgiel, 22 pulzier; Ghan-nisa 23 pulzier, ikbar minn tar-ragel minhabba x-xaghar. Ghat-tfal ta' fuq id-dirghajn, jew ta' sena u nofs, 18 il-pulzier, u tfal ta' sentejn 20 pulzier.

Il-kpiepel tal-kbar kienu jilbsuhom ghax-xoghol ta' l-eghlieqi minhabba li kienu jdumu hafna fix-xemx. Ghalekk gie li jsejhulhom ukoll "kpiepel tax-xemx". Tat-tfal kienu jzejnuhom b'xi zigarella, naturalment din kienjaghmilha min jixtri l-kappell, u mhux il-mara li tahdem il-kpiepel.

Meta xi hadd kien ikun irid jaghmel kappell, kienu jqisulu rasu permezz ta' spaga, u wara, jew jaghmlu gebla, jigifieri forma, apposta biex jahdmuh fuqha, jew isibu gebla (forma)li tkun taqbel ma' dak il-kejl.

Biex tibda tahdem il-kappell, l-ewwel trid ixxarrab id-dafra fl-ilma, imbaghad tibda tahdem fuq il-forma, l-ewwel mill-galletta(il-qurriegha tal-kappell) u tkompli thitu u

ddawwar sakemm taghmel il-galletta, imbaghad taghmel it-tromba u fl-ahhar il-faldi. Il-kappell jifforma ruhu billi thit id-dafra b'imsella tal-gummar.

Waqt li tkun tahdem il-kappell, dik li tahdmu tinqeda b'dawn l-ghodda:

i. Il-gebla tal-kpiepel. Din tkun tal-gebel tal-franka, ta' diversi daqsijiet, qisha barmil maqlub wiccu l-isfel. Gie li tkun maghmula minn xi zokk taz-zebbug, u xorta tissejjah gebla. Meta tinhadem it-tromba tal-kappell, ma tkunx daqs il-gebla preciz, izda xi ftit iqsar.

ii. Il-ballata jew ic-cikk. Din ikollha, bejn wiehed u iehor, ghamla tal-uzin, u tkun twila xi seba' pulzieri. Din tintuza biex jiccattjaw ix-xifer tad-dafra, billi meta tinhat, tigi hoxna z-zejjed.

Il-gwielaq isiru wkoll skond id-daqs li wiehed ikun irid. Xi daqsijiet, skond it-tul tad-dafra, kienu dawn: 3 qjiem (pronunzjata qim) ghat-tfal; 5 qjiem; 7 qjiem. Il-gwielaq gie li kienu jsiru wkoll bil-ghatu.

L-ahjar palm ghall-gwielaq u kpiepel u dak tas-Salina(Malta) izda kienu jgibu wkoll il-palm mir-Rabat, mill mall(Villa Rundle) li mhux daqstant tajjeb.

Meta l-palm kien ikun skars, gie li kienu jiddubbaw xi zenbil(bhal gewlaq kbir bil-ghatu, izda minghajr ghalaq, ghat-tamar, li kien jigi minn barra), jahsluh, joftqu d-dafra, jarmu l-hazin, u mbaghad jaghmluh kpiepel.

Il-prezzijiet, daqs ghoxrin sena ilu millum, kienu dawn: Kpiepel hodor 2s/- (10c); bojod(tal-qalba) 4s/-(20c). Il-kpiepel bojod jiswew izjed ghax ikunu isbah, mahdumin aktar fin, kif ukoll, ghax biex tahdimhom tiehu aktar xoghol billi d-dafra tkun idjaq u itwal, seba' qjiem.

Xi nies li kienu jahdmu l-kpiepel u xoghol iehor tal-palm kienu dawn: Cisju tal-Bonn, Kelina Attard, Kristina Abela ta' 19, Hill Street, Qala, u Cisju tal-Bonn mill-istess rahal. Dawn l-intervisti saru fil-10 ta' Marzu 1988 u fl-24 ta' Marzu 1988 rispettivament.

Kitba li ippartecipat fil-konkors ta' kitba dwar folklor tal-1988 taqsima Kbar.

# RITRATTI TA' DARI

minn Ines Ciancio

Il-familji ta' dari, fin-numru ta' tfal kienu wisq numeruzi, u l-familja tieghi, nista' nghid, kienet wahda minnhom.

Irrid nghid, li kellhom id-drawwa sabiha li jiehdu ritratt tal-familja taghhom fi grupp wiehed, u kien ikun ta' daqs kbir. Dan kien biex jibqa' rikordju, u wara hafna snin jintiret minn uliedhom; Hafna drabi, meta kienu jiehdu dan ir-ritratt, xi wahda minn uliedhom kienet tibqa barra minn dan ir-ritratt , minhabba li kienet titwieldilhom tarbija ohra bla ma tkun mistennija.

Ritratti bhal dawn, kif ghedt, kienu jkunu kbar, bi gwarnic sabih biex wara kien jitpogga fid-dar, f'dak il-post li kien ikun l-aktar prominenti fejn jista' jarah kulhadd. Meta xi qraba jzuru dik id-dar, donnu dan il-kwadru jigbed l-ghajn ta' kulhadd.

Jiena niftakar kemm kien ha pacenzja il-fotografu meta ha rritratt tal-familja taghna, ghax wara li kien ikun poggiena fil-poza, ftit sekondi wara jergghu jiccaqalqulu minn kif kien qeghdhom. Niftakar li l-genituri kienu tiqeghdu f'nofs il-grupp, u l-icken wiehed f'hogorhom; fil-kaz li jkun ftit kbir, xorta wahda postu kien ikun dejjem hdejn il-missier u l-omm, u erhilu jinklina xi ftit lejhom bhal wiehed misthi hafna.

Minn dawn ir-ritratti ta' din ix-xorta kienu jittiehdu aktar minn ritratt wiehed, biex dejjem jintaghzel l-ahjar. L-ewwel ma tkun leata hija l-kopja, li gie li kienet tigi rtuk-kata ghal xi difetti zghar li seta' jkollha; ma din il-kopja jithallew xi flus kapparra, bil-quddiem.

Kemm kien ikollu studio sabih, dan il-fotografu professjonali; dan x'aktarx kien ikun bhal kamra kbira b'xi purtiera migmugha tul il-hajt kollu, ta' kulur ahdar sabih, jew xi kulur iehor addattat; ukoll riflessi ta' dwal minn bozoz kbar, li kif kienu jixeghlu kienu jghamxulek ghajnejk. Dawn ukoll kienu jistghu jigu kkontrollati skond id-dellijiet li kien jixtieq johrog il-fotografu fuq ir-ritratt.

Dari, dawn ir-ritratti kienu jkunu ta' kulur iswed u abjad jew jew kannella car maghruf bhala "sepia toning". Dari

il-fotografu kien ikollu joqghod ghal hafna hin f'dik il-kamra ckejkna li jsejhulha "dark room", fejn kien jipprocessa r-ritratti.

Jekk dari kont tkun trid ritratt bil-kulur, dan kien irid isir wara li jingibed ir-ritratt u jigi stampat. Il-fotografu, b'kuluri specjali, kien ipitter ir-ritratt b'hila kbira biex johrog kuluri naturali u dettalji precizi, biex l-ucugh tal-persuni jibqghu fix-xebh bhala haga hajja. S'intendi, dan ix-xoghol isir b'kapacita' kbira, u l-hlas kien ikun aktar.

Illum ix-xjenza taghtna hafna vantaggi sbih, ghax ritratti bil-kulur jistghu ikunu lesti filwaqt li jingibed ir-ritratt, u waqt l-izvilupp johorgu dawk il-kuluri kollha tal-hwejjeg u l-ucuh, kif ukoll tal-veduta. Dawn ir-ritratti ikunu ta' vantagg kbir fil-granet tal-karnival fejn johorgu l-kuluri kollha.

Illum, ir-ritratti tal-kulur aktar qeghdin jintoghgbu u saru komuni hafna u jizdiedu. Tista' tghid li kull familja ghandha xi kamera tar-ritratti li tiswa l-flus jew irhisa, li tista' tiehu biha ritratti ikkuluriti meta trid. Kif kont qed nghid, dari, il-fotografi fil vetrini taghhom ma kellhomx hlief ritratti ta' daqs kbir hafna, xi drabi jiehdu l-wisa' tal-vetrina kollha li kienu jithallew hemm biex in-nies ikunu jistghu jarawhom. Dawn, hafna minnhom kienu jkunu ritratti ta' zwieg-ijiet li jittiehdu wara li johorgu mill-knisja. L-gharajjes kienu jibqghu sejrin biex jiehdu dan ir-ritratt qabel ir-ricevi-ment li jsir fis-swali. Mur ara kieku bqajna b'din l-uzanza, kemm aktar kien ikollhom jistennew il-mistednin ghall-wasla ta' l-gharajjees, ghax dari z-zwieg kien ikun minghajr ic-cerimonja tal-quddiesa.

Il-fotografu kien ikollu jiehu hafna hin jirranga l-libsa ta' l-gharusa, u jekk ikollha xi mant twil, dan ukoll kien jigi rrangat b'pacenzja kbira, u jingibdu hafna pozi max-xhieda u l-bridesmaids.

U xi nghidu ghal dawk ir-ritratti tal-precett, li wkoll kienu jsiru ta' daqs kbir? Kienu jiehdu wkoll ritratti dawk li kienu jiehdu xi lawrija, u trabi ckejknin ta' ftit xhur kienu jehdulhom ritratt minghajr hwejjeg biex aktar tohrog il-hlewwa taghhom. Bosta ritratti ohrajn kienu jkunu ta' gruppi ta' religjuzi bandisti, ecc., li kollha kienu jinzammu b'ghozza kbira.

Il-fotografu kien ikollu hafna xoghol, f'dawk il-granet tal-precett, ghax dari ftit kienu dawk il-fotografi hekk professjonali. Il-fotografu, minbarra li kien ikollu dik il-purtiera bhala background, kien ikollu xenarju mpitter fuq il-hajt, u fil-kaz ta' okkazjoni tal-precett, kien ipoggi xbiha tal-Qalb ta' Gesu bl-Ostja f'Idu. Dan kien ikun bhal santa kbira mqasqsa li titpogga hdejn ginokkjatur ckejken fejn il-fotografu

kien iqiegħed lit-tifel jew tifla bħallikieku qegħdin jitqarbnu.

Kienet tkun ta' paċenzja għall-fotografu biex joħrog professjonalment poża tajba f'dan ir-ritratt. Kemm kienet tkun imkabbra dik l-omm ta' dawk it-tfal, li barra li tordnalek ir-ritratt il-kbir, kienet tkun trid ukoll ritratti zgħar biex jitqassmu lill-familjari tagħha.

Haga li għadha ssir sallum, hija dik li l-fotografi jġibu kunjomhom fuq il-bieb ta' l-istudio, u sahansitra wkoll b'ittri zgħar fuq dawk ir-ritratti meħudin minnhom. Dan xieraq, għax ix-xogħol tal-fotografi huwa professjonali, apprezzat mhux biss mill-Maltin, izda wkoll mill-barranin.

Nasal biex insemmi fotografi li konna naraw fil-gonna Maltin, bħalma hu tal-Barrakka ta' Fuq u ta' Isfel fil-Belt, kif ukoll fil-Furjana ħdejn Kristu Re, l-Argotti u l-Mall, minbarra Sant'Anton u ġonna oħra. Dawn il-fotografi llum lanqas għadna noħolmu bihom, u ta' min isemmihom.

Dawn il-fotografi kienu jeħdulek ritratt li jagħtuhulek lest wara' ftit ħin. Il-ħlas kien ikun zgħir. Il-kamera tagħhom kienet tkun speċi ta' kaxxa kwadra ta' l-inja ftit kbira, fuq tripied bil-lasti twal, bil-lentijiet fuq quddiem, u fuq wara kien ikunhemm bħal borza sewda, li l-fotografu kien idaħħal rasu u idejh fiha skond il-bzonn, biex iħares minn gol-lenti, u wara jipproċessa r-ritratt fiha stess, u meta jlestih ilaħalħu go barmil ilma li jkunhemm ħdejh. Wara' jitnixxef fir-riħ jew fix-xemx. Kien tassew iħajrek b'ritratti bħala reklam għalih, li kien iwaħħal ma' l-istess kaxx, ritratti meħudin f' dawk il-ġonna.

Kien ikun privileġġ li jkollok ritratti fi ftit ħin u kienet tkun xalata għal xi zagħzagħ li jeħdulek ritratti bħal dawn. Kien ukoll fi zmien meta bosta baħrin kienu jieħdu ritratti f'dawn il-ġonna, u l-fotografu kien jagħmel aktar qliegħ fil gurnata, sajf jew xitwa.

Illum dawn id-drawwiet spiċċaw għal kollox, għax tista' tgħid li kull familja għandha kamera li biha jistgħu jieħdu ritratti huma stess għal kull okkazjoni. Għaldaqstant, il-fotografija tibqa imprezzabbli u ta' nteress kbir għal min jipprattikha.

---



Ir-ritratti ta' fuq il-lemin, saru b'kamera bhal ma tidher fuq dan id-disinn, hdejn Kristu Re il-Furjana

1968

57 sena ilu





Ritratt li sar fi studjo ta' fotografu 50 sena ilu



Kitba li dahlet ghall-konkors Kitba dwar Folklor 1988 Taqsima tfal.

# L-ILMA ZAHAR

Minn Lawrence Bajada

(ipprezentat mill-Mixed School, Xaghra,Ghawdex)

Nhar is-Sibt li ghadda, jien mort inqatta' ftit hin ghand in-nannu tieghi li joqghod ftit il-boghod mid-dar taghna. X'hin wasalt, huwa kien fil-gnien isaqqi s-sigar. Waqt li kont hdejh, qabadni ugigh ta' zaqq, u meta ghedt lin-nannu, huwa tani ftit ilma zahar, ghax qalli li dan tajjeb hafna ghall-istonku. Wara, huwa qaghad jirrakkuntali dwar l-ilma zahar.

I-x-xoghol ta' l-ilma zahar, fix-Xaghra, huwa uniku f'Ghawdex. Dari kont issib hafna nies li jaghmluh, izda llum ftit li xejn ghad fadal minnhom.

Dan isir fl-istagun tar-rebbiegha, meta s-sigar tal-laring ikunu biz-zahar; ghax dan l-ilma huwa essenza taz-zahar tal-laring tal-bakkaljaw.

Biex isir, wiehed irid ikollu s-sengha, ghax irid hafna xoghol. Ir-recipjent li jsir fih, jghidulu LAMPIK, li jkun qisu kaldarun kbir.

L-ewwel jaqtghu iz-zahar u l-weraq tal-laring. Dan jitfghuh gol-lampik flimkien ma' l-ilma u jpogguh fuq in-nar. Meta jaghli ipoggulu l-kappell, u jimlewh bl-ilma, biex il-mishun jinzel l-isfel, u l-ilma jibqa' frisk.

L-ilma zahar tajjeb hafna ghall-istonku, u dari kull familja kien ikollha flixkun id-dar.

Min ikun irid aktar taghrif dwar l-ilma zahar jista' jkellem lin-nannu f'dan l-indirizz: Marlaw, 8th Sept.Ave., Xaghra, Gozo.

# Il-Lampik


Il-kappell fejn jitfgħu l-ilma
Flixkun fejn jinżel l-ilma
Fejn jinżel il-mistun.
Kenur



Kitba li dahlet ghall-konkors Kitba dwar Folklor 1988 taqsima Tfal, ipprezentata mill-iskola sekondarja ta' Haz-Zebbug,Malta.

# L-GHONNELLA

minn Gordon Camilleri

Dan it-taghrif gie migbur minn ghand oht il-buznanna tal-kittieb, Karmena Micallef, ta' 92 sena, fl-4 ta' Mejju 1988

L-ghonnella kienu jilbsuha n-nisa u t-tfajliet. Kienu jilbsuha biex imorru l-knisja, biex jixtru, ghax-xita u ghax-xemx. Kienu ibiddlu biha.

L-ghonnella kienet tkun ta' kulur iswed maghmula mid-drapp ta' l-obtoman u harir. Kien ikollha il-baliena biex izzommha wieqfa, u l-kartun iebes li kien jissejjah qamar.

Kienet tintlibes fuq ir-ras. Fuq in-naha tax-xellug kienhemm fiha holqa mill-istess drapp, biex meta jkun ir-rih, il-mara zzommha minnha.

L-ghonnella kienet tintuza bhala uzanza, ghax hadd ma kien johrog xuxa. Meta kienu jizzewgu bl-ghonnella, din kienet tkun bajda.

L-ghonnella tad-dangerin kienu juzawha iz-Zabbarin biex imorru jaqtghu it-tut.

Kitba li dahlet ghall-konkors ta' kitba dwar folklor 1988 taqsima kbar.

# LOGHOB TAT-TFAL TA' DARI

minn Rose-Anne Felice

Hemm differenza kbira bejn il-loghob tal-llum u dak ta' dari. Izda l-aktar haga li tolqotni hu l-fatt, li it-tfal kienu juzaw il-fakulta' kreattiva aktar mit-tfal ta' llum. Kienu jilghabu b'materjal semplici li ma jiswiex flus biex joholqu loghob interessanti ghalihom.

Loghoba li kienet popolari ferm fost it-tfal ta' dari kienet il-loghba tal-FATT. Hawn it-tfal kienu jpingu cirku kbir ma' l-art, u iehor zghir f'nofsu. Fic-cirku z-zghir kienu jpoggu xi soldi, u b'sold iehor f'idhom kienu jippruvaw itajru dawk is-soldi minn posthom. Naturalment, mhux dejjem kienu juzaw muniti, izda aktar il-gellewz, fejn flok is-soldi jqeghdu l-gellewz fin-nofs, u jilghabu b'gellewza li kienet tkun differenti. Din il-gellewza li jilghabu biha kienet tkun imtaqqba biex inehhulha l-qalba, u fiha jpoggu comb mahlul, b'hekk kienet issir tqila bizzejjed biex ittajjar il-gellewz ta' goc-cirku.

Il-Fatt




Loghba ohra interessanti jisimha PIŻAL. F'din il-loghba, kull tifel u tifla jkollhom hames caghqiet. Minn dawn il-hamsa kienu jaghzlu wahda u jsejhulha l-Mamma. Id wahda kienu jmissuha ma' l-art forma ta' mina, bis-sebgha l-ohxon fuq naha u zewg swaba ohra mrikkbin fuq l-ohra. Bl-id l-hra kienu jaqbdu c-caghqa msejha mamma u jgholluha l-fuq; sadattant waqt li din tkun fuq, qabel tmiss ma' l-art, jippruvaw idahhlu xi wahda mic-caghqiet l-ohrajn gol-mina.

(ara d-disinn fuq il-faccata l-ohra)

il-mina
maghmula
bis-swaba
fil-loghba
tal-Pizal





waqt li caghqa
tintefa' l-fuq,
xi caghqa mill-
ohrajn tinxtehet
fil-mina.

Fl-imghoddi, iz-zwiemel armati bis-serkin kienu aktar komuni mil-llum, u kont tara karrettuni ma' kullimkien. Ghalhekk ma seghax jonqos li dan l-element jidhol ukoll fil-loghob tat-tfal. Naturalment, it-tfal ma kienux juzaw zwiemel, izda kienu jilghabu b'xi kelb. Flok il-karrettun kienu jsibu xi kaxxa, u maghha jwahhlu roti, li kienu jkunu xi ghatijiet ta' bottijiet jew xi hag'ohra tal-landa. Flok ir-riedni, it-tfal kienu juzaw xi rumnell jew habel irqiq jew xi suf b'xi rukkell biex ikun jixbah liz-ziemel.

Il-bniet, pupu kien ikollhom, izda gie li kienu juzaw xi trajbu tac-combini; fuq it-trajbu kienu jpingu l-ghajnejn bil-lapes, u jhitu l-halq bis-suf, b'hekk malajr kien ikollhom tarbija.

Popolari ukoll kien ic-cippitatu. Dan kienikun bicca ghuda, isfel tond, u fuq aktarx wiesa' u catt; Biex jilghabu bih, it-tfal kienu jaqbdu l-frosta, u jolqtuh b'mod, li dan ic-cipp-itatu jibda jdur .



Is-subien kienu jhobbu aktar jilghabu bic-cirku li kien ikun tal-hadid jew xi hag'ohra simili, u b'xi bicca fildiferru jew hadida mghawga apposta fit-tarf, izommuha f'idhom, u jigru waqt li jimbuttaw ic-cirku biha. Waqt li jigru bic-cirku duqqiemhom, kienu wkoll itellqu fl-istess waqt.

It-tfal ukoll kienu jhobbu jilghabu b'xi raddiena li jaghmlu huma. Dien kienet tkun raddiena biex tixbah il-loghob tan-nar ta' l-art. Kienu jaghmlu speci ta' salib ta' njam irqiq b'xi bicciet ohra hergin mil-lasti. Dan is-salib ckejken kienu jwahhlu mieghu bictejn karti bl-ilma u dqiq, u maghhom iwahhlu rjus tas-sulfarini imqabbdin flimkien b'micca. Meta jaqbdu, dawn jidhru qishom loghob tan-nar.

Loghob iehor tat-tfal kien jinkludi hafna l-uzu ta' zibeg, bubuni, gewz, tbandil minn fallakka mdendla ma' habel, u loghob iehor semplici. Li johrog minn dan kollu hu, li avolja t-tfal ma kellhomx il-gugarelli li jsibu t-tfal ta'llum, xorta wahda kienu jsibu mezz kif joholqu l-loghob originali taghhom.

---

Kitba li bghatet Sister Carmela Deguara Principal ta' l-iskloa tas-Sacred Heart, S.Giljan, li kienet tismaggha minn ghand wahda xwejha mill-Mosta, meta hi kienet tifla zghira. Din ix-xwejha(Pacifica Cuschieri), kienet hi stess semghat dawn il-versi minn ghand ohra ixjeh minnha. Dawn il-versi kienu jitkantaw:

O Gesu' Redentur tieghi,
Tini d-dawl u l-fehma tieghi,
Halli nparti minn did-dinja,
Mircevik fis-sider tieghi.

Zewg zemghat hdejn rasi,
Tnejn ohrajn hada rigleja
Ma nghidx ajma gismi kollu,
Ghax inkella jidfnuni hajja.

Din il-kitba ma kienetx direttament mibghuta biex tippartecipa fil-konkors kitba dwar folklor tal-1988, izda b'rizultat tas-sejha li ghamilna, "biex l-imghoddi ma jintnesiex".

---

Kitba li dahlet ghall-konkors Kitba Dwar Folklor,taqsima Tfal ipprezentata mill-Boys'Sec.School,Zebbug,Malta.

# TIFKIRIET TA' L-IMGHODDI

minn Ronald Fenech

Informazzjoni migbura minn ghand Marija Scicluna ta' 72 sena minn Hal Qormi.

M'ilux wisq, nhar il-Gimgha l-Kbira, mort inzur lill-habiba tan-nanna tieghi, mara anzjana, ta' 72 sena. Damet l-isbah siegha tirrakkontali dwar zoghzitha, li zgur ma kienetx hajja facli. Anzi, skond ma qaltli hi, aktar ma kienu jkunu maghkusin, aktar kienu jsibu x'jitfaghhom lura. Dan li ser insemmi qalituli kollu hi, u l-mara li ser insemmi hija ommha, li ilha mejta 23 sena.

Hafna mill-antiki kienu jghixu fil-faqar kbir; uhud min-nisa kienu jitilfu lil zwieghom kmieni. Darba kienhemm wahda mara li tilfet lil zewgha kmieni. Dak iz-zmienma kienx hemm il-qligh li hawn illum, u din il-mara kellha familja ta' tnax min-nies. Ghalhekk kellha tmur tfittex xi xoghol biex tiekol hi u wliedha

Darba, din il-mara kienet harget b'karrettun ta' l-idejn tbiegh xi haga tal-haxix. Inzerta kienhemm pulizzija li wahhalha gurnata habs fuq sold qargha, ghax tant kienet fqira li ma kellhiex mnejn thalla tmintax irbieghi biex tiffranka l-habs. Peress li kienet ghadha kemm kella tifel, riedet tiehdu maghha l-habs biex treddghu. Waqt li kienet il-habs, talbet lil wahda soru biex taghtiha ftit mishun ghat-tifel, izda s-soru qaltilha li ma kienx hemm mishun. Meta harget mill-habs, il-mara marret id-dar, izda l-ghada sabet lit-tarbija mejta.

Din l-istess mara qattghet hajjitha f'faqar kbir. Tant kienet fqira, li meta t-tfal kienu jaghmlu l-precett, hi kienet tibghathom b'qorqa wahda. Dan il-faqar geghlha tghaddi hajja mizerabbli.

Il-foqra kienu kollha juzaw il-musbieh; min kien jista' kien jixtri musbieh tal-fuhhar, izda min kien ikun batut kien isib bott tal-landa u jpoggih quddiem il-Madonna. Is-sinjuri kien ikollhom musbieh sabih; kienu jixtru bit-tlietiet u bil-babbiet. Fil-gwerra l-kbira, dik il-mara inkisrilha t-tubu u ma kellhiex biex tixtri iehor, ghalhekk qalghet il-ftila u poggietha go flixkun.

Dawn ma kienux problemi taghha biss, ghax kienhemm hafna ohrajn bhalha. L-antiki kienu jghidu:"Is-sinjur imutulu t-tfal, u l-fqir imutlu l-hmar"...

Is-sinjuri l-antiki, meta kien imutilhom xi hadd, kienu jilbsu velu iswed tuta sabih sabih, u xi tibdila shiha sewda, u xi portmoni iswed mahdum bl-idejn, u xi par ingwanti suwed puliti, u daqs kemm kienu puliti kulhadd kien ihares lejhom. Dawn l-istess sinjuri, meta kien ikollhom xi festa tal-ballu, kienu jilbsulek xi granspinat go ghonqhom kollu deheb, u f'idejhom kienu jilbsulek dawk il-brazzuletti sbieh forma ta' qaqocca, u bicciet minnhom frieket frieket; maghhom xi cintell tad-djamenti sabih, u xi msielet sbieh tac-combini, cawhar, djamanti, rubini jew brillanti. Kienu jilbsu xi arlogg tad-dehen bic-coff jew fuq idejhom jew fuq il-libsa. Xi whud kienu jilbsu xi zarbuna jew karkura tad-deheb bhala labra jew xi labra tal-gamew kbar bic-cirku mibrum, xi sett tar-rubini kollu fosos, u xi barbazzal twil jorbtuh ghodda, inkella xi sett tal-qroll komplut. Kienhemm min kellu barbazzal iehor donnu qxur qxur tal-hut kollu deheb. F'subajhom kienu jilbsu xi crieket tad-deheb forma ta' qaqocca, tal-maqrut, jew inkella tad-djamanti u gawhar, u xi salib tal-filugranu mimli gawhar sabih. Id-deheb ta' l-antiki, tqil u sabih wisq, laktar ghax kien jinhadem kollu bl-idejn.

L-antiki kienu jilbsu l-ghonnella, u jilbsu onest. Kienu jilbsu wkoll karkus iswed jew kulur il-bringiel,pulit pulit. Min kien ikun jista', kien jilbes dublett jghiulu l-Kule', u kienu jghidu:"Nehhi l-frenza u l-kule' ghax fil-knisja ma tidholx". Inkella kienu jixtru xi portmoni tal-fidda jew tal-madreperla jew xi ghonnella tal-harir jew ta' l-istamina. Min ma kienx jista', kien jilbes il-lewlu b'xi fjura fuqu u dublett bil-piegi u l-bizzilla. Kien ikollhom xi borza tal-lewlu jahdmuha huma stess, ghax flus biex jixtru ma kienx ikollhom.

L-irgiel antiki sinjuri kienu jilbsu xi sidrija bil-buttuni tad-deheb u xi kappell tal-lobbja, xi polka u crieket mill-aqwa, hoxnin u snieh. Min ma kienx jista, kien ikollu xi polka tal-lira jew tan-nofs lira u xi curkett salib.

Irgiel ohrajn antiki kienu jahdmu fir-raba, jahsdu u jizirghu; nisa kienu jdawru d-duleb ghal-sitt habbiet jew imorru fl-eghlieqi jahdmu ma' zwieghom.

Kien ikunhemm wiehed johrog fit-toroq bil-karrettun jghajjat "Imqassijiet u skieken min ghandu?!" biex isinnhom. Jonkella kien ikunhemm iehor tat-tjur, bis-sidrija u l-beritta go rasu, bil-qorq f'saqajh u bil-horga biex ibiegh it-tjur.

Bil-progress ta' zminijietna ahna qed ingawdu, izda hemm bzonn li it-tbatija ta' missirietna naghtuha d-dawl biex ta' warajna jkunu jafu biha u titnizzel fl-istorja.

---